Vol 29
Nru 160
April - Ġunju 2008

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
P. Ġwann Azzopardi OFM

ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2008

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# Werrej


11


18


29

40




5 Monakeżimu fil-Palestina

11 Pawlu ta' Tarsu (1)

18 L-Art Imqaddsa, Lod u S. Ġorġ

29 Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa

*Il-Bibbja f'idejna::*

37 Il-Ktieb tal-Profeta Eżekjel

40 Il-Ktieb tal-Profeta Iżaija

44 Il-Ktieb ta' Profeta Danjel




44

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## L-ARĊISQOF FL-ART IMQADDSA

L-Arċisqof Pawl Cremona mexxa pellegrinaġġ djoċesan fl-Art Imqaddsa mit-30 ta' Marzu sas-7 ta' April li għaddew. Għall-pellegrinaġġ ħadu sehem 168 pellegrini, fosthom il-Ministri Provinċjali tat-tliet familji ta' l-I Ordni Franġiskan, P. Pawl Galea OFM, P. Samuel Chetcuti OFMConv, u P. Joe Alessandro OFMCap. Għalija personalment din kienet okkażjoni li tatni sodisfazzjoni kbir, għax konna ilna ħafna snin nixtiequ norganizzaw pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa fuq skala djoċesana.

Il-pellegrinaġġ kien esperjenza unika f'kull sens. L-ewwelnett għaliex kellna fostna lill-għażiż Arċisqof tagħna, bl-istil umli u kordjali tiegħu ma' kulħadd, hekk li kull min iltaqa' miegħu apprezza fih l-ispirtu ta' ragħaj veru tal-poplu nisrani fdat f'idejh. L-omeliji tiegħu fid-diversi santwarji tal-fidwa kienu katekeżi vera u proprja, li ħarġet mill-qalb u mhux biss mill-moħħ. Lilu nixtiequ li nirringrazzjawh tal-preżenza u tax-xhieda tiegħu, u nittamaw li din ma tkunx l-aħħar darba li narawh magħna fl-Art Imqaddsa.

Għamlitilna kuraġġ il-kollaborazzjoni u l-attenzjoni tal-pellegrini tagħna, li nista' ngħid li ġew immotivati biex jitgħallmu u jitolbu. Nirringrazzjahom talli fehmu l-iskop veru tal-pellegrinaġġ, li qabel kollox hu esperjenza spiritwali ta' laqgħa ma' Kristu fl-Art imqaddsa bil-passi tiegħu.

Lill-Ministri Provinċjali nirringrazzjahom talli onorawna bil-preżenza tagħhom u bix-xhieda sempliċi ta' fraternità Franġiskana.



*...editorjal*

*L-Arċisqof fl-Art Imqaddsa*

Magħhom inħossni obbligat li nirringrazzja lil ħuti l-Franġiskani li miegħi kienu gwidi u animaturi spiritwali għall-4 gruppi ta' pellegrini li mexxejna, jiġifieri lil P. Ġwann Abela, P. Marcello Ghirlando u P. Noel Muscat. Il-kelma tagħhom kienet ta' dawl u għajnuna għall-pellegrini biex japprezzaw kull mument tal-pellegrinaġġ u jgħixuh profondament. Grazzi lis-Sur Tonio Farrugia, li ħa ħsieb jgħinni fl-organizazzjoni loġistika tal-pellegrinaġġ, u lit-tim li għenu fil-kant u l-animazzjoni liturġika taċ-ċelebrazzjonijiet li għamilna.
Inħossni rikonoxxenti lejn Alla ta' din l-esperjenza unika. Hi xewqa tiegħi, kif esprima ruħu tajjeb ukoll l-Arċisqof waqt il-konferenza stampa wara li ġejna lura Malta, li norganizzaw pellegrinaġġ għaż-żgħażagħ, biex huma wkoll jiġu f'kuntatt ma' l-Art ta' Ġesù u jikbru fil-mixja ta' fidi tagħhom.
Din is-sena għad fadlilna numru sabiħ ta' pellegrinaġġi oħrajn. L-Art Imqaddsa tibqa' ssaħħar lil kull min jiġi fiha b'motivazzjoni ta' fidi. Din il-ħarġa tar-Rivista qegħdin niddedikawha b'mod speċjali għall-mumenti sbieħ tal-pellegrinaġġ tagħna, li minnu niftakru b'mod partikulari d-daħla solenni ta' l-Arċisqof u l-quddiesa tiegħu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, l-Adorazzjoni fil-Bażilika ta' l-Agunija fil-Ġetsemani, u l-quddies fis-santwarji, partikolarment f'Nazaret u Betleħem.
Il-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa jħossu kburi li kellu x-xorti jakkumpanja lill-Arċisqof fl-Art Imqaddsa. Inħossuna kburin li akkumpanjajnih personalment fil-mumenti kollha tal-pellegrinaġġ, fil-laqgħat tiegħu ma' l-awtoritajiet reliġjużi fl-Art Imqaddsa, partikolarment mal-Patrijarka Latin Michel Sabbah u mal-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa P. Pierbattista Pizzaballa OFM.
L-appoġġ fil-ħidma tagħna min-naħa ta' l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex, li qatt ma naqas imma li rajnih b'mod tant ċar f'dawn l-aħħar snin, jimlina bil-kuraġġ biex inkomplu naħdmu biex l-Art Imqaddsa ssir aktar magħrufa għal dak li hi: mhux art ta' ġlied u vjolenza, daqskemm art ta' tama u kuraġġ, li fiha għadu jidwi l-Evanġelju ta' Ġesù, li fiha twieled u minnha xtered sa l-ibgħad trufijiet ta' l-art, u wkoll sa xtutna, bil-ħidma ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, li tiegħu mal-Knisja universali se niċċelebraw l-2000 anniversarju mit-twelid.



# MONAKEŻIMU FIL-PALESTINA

Il-bidu tal-monakeżimu fl-Art Imqaddsa hu moħbi f'ċertu misteru. Xi wħud, li jsegwu t-tradizzjoni patristika, jridu li dan kien prodott ta' importazzjoni mill-Eġittu, fejn kien twieled il-monakeżimu, u li minn hemm imbagħad xtered mal-Lvant Nofsani kollu. Oħrajn jippreżentaw il-monakeżimu bħala fenomenu li deher xi ftit jew wisq b'mod indipendenti u fl-istess ħin f'postijiet differenti. Fil-fatt, għalkemm il-monakeżimu ta' l-Eġittu, bil-figuri kbar tiegħu ta' S. Anton (250-356) u S. Pakomju (290-346) hu aktar qadim, hu fatt



li l-monakeżimu fis-Sirja u l-Mesopotamja żviluppa karatteristiċi proprji u oriġinali. Fl-Art Imqaddsa, imbagħad, insibu l-ewwel eżempju ta' kristjan li jirtira fl-eremitaġġ: hu l-każ ta' l-isqof Narcisso da Ġerusalemm (170-215), li fil-bidu tat-3 seklu, irtira fis-solitudni tad-deżert. Il-«Vita di Caritone» tirrakkonta dwar preżenza ta' eremiti maġenb il-Baħar il-Mejjet qabel ma S. Caritone kien waqqaf l-ewwel monasteru tiegħu madwar is-sena 330. Minkejja dan, ma hemmx kontinwità vera bejn dawn il-fenomeni mxerrdin tal-monakeżimu kif beda b'mod organizzat fil-Palestina matul ir-4 seklu.

Stejjer ta' eremiti qaddisin
L-ewwel wieħed fost dawn kien Ilarione. Hekk almenu jidher mill-istorja. Fil-«Vita» iddedikata lil dan ir-raheb ta' Gaza, San Ġilormu (qrib is-snin 342-419) li kien ġie f'Betleħem minn Ruma fis-sena 386, jindikah bħala l-fundatur tal-monakeżimu fil-Palestina. Awtur anonimu, li qrib is-snin 560-570 kiteb il-«Vita di Caritone», jippreżenta lil dan ta' l-aħħar bħala l-ewwel wieħed li ppropona l-ħajja eremitika, fuq l-eżempju tal-predeċessuri famużi Elija u Ġwanni l-Battista. Ilarione u Caritone jippreżentaw ruħhom għaldaqstant bħala żewġ pijunieri diversi fil-ħajja monastika tal-Palestina, f'żewġ ambjenti ġeografiċi distinti.

## San Ilarione

Ilarione twieled f'Thabatha, li llum tissejjaħ Chirbett-umm-al-Tut, fin-nofsinhar ta' Gaza, fis-sena 291. Il-ġenituri tiegħu kienu pagani, u kienu bagħtuh jistudja l-grammatika f'Lixandra, l-Eġittu.
Hemmhekk hu sema' bil-fama ta' Anton, u għalkemm kellu biss ħmistax-il sena mar għand dan il-qaddis kbir, li dak iż-żmien kien jgħix Pispir, u dam jgħix miegħu għal xahar sħiħ. Il-bijografi jfakkru t-tislima orjentali ta' dawn il-monaċi, hekk mimlija simboliżmu: "Is-sliem, Anton, kewkba tiddi ta' filgħodu"; "Sliem lilek, Ilarione, kolonna ta' dawl li ssostni l-univers".
Imxifkel mill-għadd kbir ta' nies li kienu jiġu jżuruh u mill-morda li kienu jiġu jitolbuh fejqan, l-eremita kbir Ilarione mar lura lejn daru, fejn sadanittant il-ġenituri tiegħu kienu mietu. Ċeda parti mill-eredità tiegħu lil ħutu u lill-foqra, u fis-sena 307 irtira biex jgħix fis-solitudni fiż-żona

deżertika lejn il-lbiċ ta' Majuma, il-port ta' Gaza. Ġarr miegħu ħwejġu biss, fosthom tonka tal-ġild mogħtija lilu minn S. Anton, u beda jgħix ħajja jterraq minn post għal ieħor, u kien jiekol biss tin imqadded. L-ewwel snin tas-solitudni kienu ġlieda iebsa kontra l-passjonijiet tal-ġisem. Għal erba' snin kien jgħix f'għarix tal-qasab, imbagħad mar jgħix ġo għar, li fih lanqas seta' joqgħod bilwieqfa. Jirrakkontaw li hu qatt ma kien jaħsel ħwejġu, li kien ibiddilhom biss meta jaqgħu bċejjeċ, u li kien jaqta' xagħaru biss darba fis-sena, għall-okkażjoni ta' l-Għid. Wara li għex għal kważi tnejn u għoxrin sena fis-solitudni, il-fama tal-qdusija tiegħu bdiet tinfirex ukoll biex iġġib miegħu grupp ta' dixxipli. F'dan il-perjodu bdew jiġu attribwiti lilu diversi mirakli: fejjaq mara minn Eleutheropolis li kienet ilha sterili għal 15-il sena, fejjaq nies għomja, qajjem tfal mill-mewt, ikkura nies paralitiċi, u keċċa x-xjaten. Biex jaħrab darba għal dejjem il-għadd dejjem jiżdied ta' persuni li kienu jiġu jżuruh, fis-sena 356 iddeċieda li jħalli l-Palestina u jmur fl-Eġittu: id-dixxipli tiegħu ppruvaw iżommuh milli jagħmel dan u kien biss meta heddidhom li joqtol lilu nnifsu bil-ġuħ li ħallewh jitlaq. Telaq akkumpanjat minn erbgħin monaċi u wasal fl-Eġittu, żar l-aħħar post li fih kien għex Anton, li kien għadu kemm miet, u beda jgħix f'monasteru tar-rhieb ta' S. Pakomju. Billi kien ippersegwitat mill-fama tiegħu ta' tawmaturgu, ħarab lejn il-Libja, fejn wieħed minn sħabu seraqlu l-ftit ħwejjeġ li kellu, ħlief għall-ktieb ta' l-Evanġelji li hu kien kitbu meta kien għadu żagħżugħ.
Mil-Libja salpa lejn Sqallija, fejn ġie jiltaqa' miegħu d-dixxiplu Hesichio. Imma mill-ġdid ġie assaltat minn persuni morda li kienu jfittxu l-fejqan, u kellu jaħrab. Iż-żewġ monaċi l-ewwel sabu kenn fid-Dalmazja, u mbagħad fil-gżejjer Griegi u fl-aħħarnett f'Ċipru (364), fejn Ilarione qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu f'għar f'post li ma kienx milqugħ faċilment. Il-post li fih miet, li hu blata ħarxa u karatteristika, sal-lum hu msejjaħ "Kastell ta' San Ilarione" jew "Kastell ta' Alla ta' l-Imħabba". Meta miet (371) Hesichio ħa lil ġismu f'Majuma, fejn hu midfun.
Fuq l-eżempju ta' dan il-qaddis, u minkejja li dan kien ħalla l-Palestina, l-ħajja monastika żviluppat b'ħeffa kbira. Fi ftit għexieren ta' snin, il-widien nexfin ta' madwar Ġerusalemm u Gaza imtlew b'folol ta' eremiti solitarji; bl-istess mod imtliet il-wita tal-Ġordan madwar Ġeriko, fejn kien hemm bosta għerejjex tal-qasab u tal-palm li fihom kienu jgħixu l-eremiti.

## San Caritone

Interessanti wkoll hi l-istorja tal-pijunier l-ieħor tal-ħajja monastika, Caritone, l-ewwel anakoreta (eremita) fid-deżert tal-Lhudija. Caritone kien ġej

*San Caritone*



minn Licaonia, fl-Asja Minuri, fejn f'Ikonju (illum Konya fit-Turkija) kien konfessur tal-fidi waqt persekuzzjoni li kienet saret kontra l-insara (x'aktarx l-ewwel persekuzzjonijiet ta' Djoklezjanu fis-snin 303-304; oħrajn jaħsbu l-persekuzzjoni ipotetika ta' Aureliano, qrib is-sena 275). Caritone kien mar pellegrin f'Ġerusalemm. Waqa' f'idejn il-briganti, u dawn ġarrewh f'għar fil-wied ta' Faran, xi ftit kilometri fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tal-Belt il-Qaddisa. F'dan l-għar, wara l-ħelsien mirakoluż tiegħu, hu beda jgħix qrib is-sena 322, u hawnhekk malajr ingħaqad miegħu numru dejjem jiżdied ta' dixxipli, l-ewwel nukleju ta' dik li kellha ssir il-"laura" ta' Faran, l-ewwel waħda fl-Art Imqaddsa ("laura" hi kelma li tirreferi għal monasteru mxabbat mal-blat, magħmul minn għerien u abitazzjonijiet tal-ġebel fuq barra, komuni fl-ambjent deżertiku tal-Palestina). Billi xtaq solitudni aktar iebsa, fis-sena 355 Caritone irtira fuq il-Muntanja tal-Kwarantena, fix-xaqliba tal-grigal ta' Ġeriko, quddiem il-Muntanja Nebo. Hawnhekk ukoll, iżda, ingħaqdu miegħu dixxipli ġodda, u twieldet għalhekk il-Laura ta' Duka (illum il-Monasteru tal-Kwarantena, jew tat-Tentazzjoni ta' Ġesù). Reġa' telaq minn hemmhekk, u din id-darba ħarab lejn id-deżert tal-Lhudija, f'ħondoq selvaġġ tal-wadi Khureitun (minn ismu Caritone), mhux bogħod mill-Herodion, fejn beda jgħix f'għar li ma jintlaħaqx. Ftit qabel ma miet, reġa' lura lejn il-Laura ta' Faran, minn fejn hu ddetta t-testment spiritwali tiegħu lill-monaċi kollha. Il-monakeżimu fil-Palestina kellu influssi kbar minn dak fl-Eġittu. F'Gaza – bil-ħidma ta' l-intermedjarju li kien Ilarione – il-monakeżimu assuma forma "eġizzjana" fuq il-mudell tal-monakeżimu ta' S. Anton Abbati. Dan il-mudell kien jikkonsisti f'missier spiritwali li madwaru kienu jinġabru, wara perjodu ta' solitudni, eremiti oħrajn li kienu jixtiequ jitgħallmu minnu d-dixxiplina tal-ħajja anakoretika (eremitika). Kif ġara fl-Eġittu, l-eremiti tad-deżert ta' Gaza kienu



miġbudin minn raġel, li l-fama ta' qdusija tiegħu kienet isservihom bħala attrazzjoni.
Fil-Lhudija, il-monakeżimu kien iħoss l-influss tal-kuntest kulturali u spiritwali ta' l-Asja Minuri, u assuma forma differenti. Ma kellux il-forma ta' xi għażla individwali u nieqsa mill-element axxetiku, imma dik ta' esperjenza ta' ħajja assoċjattiva, fejn wieħed kien jisħaq fuq il-fidi, l-umiltà, il-konfidenza f'Alla, l-imħabba ta' l-aħwa. Hekk kienu tqiegħdu l-bażi ta' dik li kellha ssir il-"laura" karatteristika tal-Palestina, li bdiet tidher fis-seklu 5. L-ewwel monasteru mwaqqaf minn Caritone jinsab mhux tant bogħod minn Ġerusalemm, maġenb it-toroq li minnhom jgħaddu l-pellegrini biex jaslu fil-Belt il-Qaddisa. Fost ir-raġunijiet li iddeterminaw it-twelid tal-monakeżimu fid-deżert tal-Lhudija, tippredomina l-attrazzjoni u l-viċinanza lejn il-Postijiet Qaddisa.

Monakeżimu fl-inħawi tal-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm
Il-ġibda tal-monaċi li kienu joqogħdu fid-deżert ta' Lhudija kienet dejjem lejn il-Postijiet Qaddisa. Il-monakeżimu li żviluppa f'dawn l-inħawi kien marbut ħaġa waħda mal-prattika tal-pellegrinaġġ, u kellu f'Ġerusalemm u f'Betleħem iċ-ċentri ewlenin tiegħu. Imma xtered ukoll f'lokalitajiet oħrajn, li kienu jiġu nkużi fil-«Loca Santa» li kienu jżuru l-pellegrini ta' l-ewwel sekli. Kienet komunità għal kollox kosmopolita. Bosta minn dawn l-irħieb, l-aktar famużi fosthom, kienu jiġu mid-dinja rumana kollha kemm hi. Fuq l-Għolja taż-Żebbuġ insibu lit-Taljan Innocente, lil Melania l-kbira u Rufino, li ġew minn Ruma, lil Evagrio, li kien ġej minn Pontu, lil Palladio, li kien ġej mill-Galazja, kif ukoll Melania ż-żgħira, neputija ta' Melanja l-kbira, flimkien ma' żewġha Piniano u ommha Albina. Aktar tard insibu liż-żagħżugħ Nabarnughi, li kien prinċep mill-Ġorġja, u lil ħabibu Mitridate (li wara l-professjoni tagħhom quddiem Geronzio, bijografu ta' Melania ż-żgħira, saru Pietru Iberico


*il-Muntanja tal-Kwarantena*



*Inżul ix-xemx fuq il-Għolja taż-Żebbuġ*

u Giovanni). F'Betleħem insibu lil Cassiano u lil ħabibu Germano, li kienu ġejjin mis-Scythia jew minn Provenza; in-nobbli Paola, flimkien ma' bintha Eustochio, u S. Ġilormu, li kienu ġejjin minn Ruma, kif ukoll Paola ż-żgħira, neputija ta' S. Paola u kuġina ta' Melania ż-żgħira.

F'Betleħem kienet tgħix ukoll S. Pelagia. Din kienet attriċi u żeffiena f'Antjokja, u kienet dejjem imdawra minn gruppi ta' żgħażagħ, li kienu miġbudin lejha minħabba s-sbuħija tagħha ta' l-għaġeb. Ikkonvertiet bil-ħila ta' l-isqof Nonnos, biegħet ġidha kollu u marret Ġerusalemm, fejn bdiet tgħix bħala eremita fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, moħbija taħt bixra ta' raġel u bl-isem ta' Pelagio. Kien biss f'mewtha, meta l-monaċi ġew biex iġorru ġisimha, li skoprew li hi kienet, fil-fatt, mara.

Barra mill-Għolja taż-Żebbuġ u Betleħem, il-kwartier tax-xaqliba tal-punent ta' Ġerusalemm kien ukoll wieħed mill-postijiet ippreferiti tal-monaċi. Hemmhekk għex u miet (fis-sena 428) Passarione l-arkimandrita, li kien is-superjur kważi tal-monaċi kollha. Fil-Palestina mbagħad din l-awtorità bdiet tinqasam bejn l-arkimandrita ta' l-eremiti, li kien responsabbli minnhom, u l-arkimandrita taċ-ċenobiti. Passarione waqqaf ċenobju (monasteru) għal dawk li kienu jissejħu «Spudaíoi» (devoti), li kienu gruppi ta' axxeti kemm irġiel kif ukoll nisa, li kienu jgħixu fil-kwartieri tas-Santa Sijon.

Flimkien mal-ħajja axxetika, dawn il-monaċi tal-Belt il-Qaddisa (li bil-grieg kienu jissejħu «hagiopoliti») kienu miftuħin għad-dinja u kienu jikkultivaw rabta intima ma' l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi preżenti fil-Postijiet Qaddisa, billi jieħdu sehem u janimaw il-ħajja liturġika ta' Ġerusalemm, imma wkoll billi kienu jipprattikaw attività soċjali u intellettwali intensa.

Fuq l-Għolja taż-Żebbuġ kien hemm monasteru li fih l-irħieb kienu jikkupjaw il-klassiċi kbar tal-kultura griega-rumana. Normalment kienu jipprattikaw l-ospitalità tal-pellegrini u tal-monaċi li kienu jiġu Ġerusalemm biex jitolbu. F'Betleħem, Paola – li diġà kienet bniet tliet monasteri għas-sorijiet tagħha, maġenb il-Bażilika tan-Nativitá, u monasteru ieħor għall-irġiel, qrib il-qabar ta' Rakele – bniet ukoll ospizju għall-pellegrini. Flimkien ma' din il-ħidma ta' ospitalità kienu jassoċjaw ukoll l-assistenza tal-foqra u tal-morda.

Maġenb din il-fjoritura ta' monakeżimu latin kien hemm ukoll il-monakeżimu orjentali, u mhux biss dak grieg. Insibu preżenza monastika Armena, Sirjaka, Kopta, Etjopika, Ġeorġjana u Russa.

Il-preżenza monastika Latina spiċċat prattikament mat-telfa tar-renju tal-Kruċjati. Sas-seklu li għadda l-unika preżenza Latina fl-Art Imqaddsa kienet magħmula biss mill-patrijiet Franġiskani, kustodji tal-Postijiet Qaddisa.



# PAWLU TA' TARSU (1)

Fl-okkażjoni tat-tieni millennju tat-twelid ta' l-Appostlu tal-ġnus San Pawl, il-Papa Benedittu XVI ħabbar iċ-ċelebrazzjoni ta' sena pawlina mit-28 ta' Ġunju 2008 sad-29 ta' Ġunju 2009. Bħala kontribut xjentifiku għal matul din is-sena ħsibna li niġbru fil-qosor il-kontenuti ta' volum ippubblikat minn P. Alfio Marcello Buscemi OFM, professur fil-Fakultà ta' Teoloġija Biblika u Arkeoloġija fli "Studium Biblicum Franciscanum" ta' Ġerusalemm: San Paolo. Vita, Opera, Messaggio, Franciscan Printing Press, Jerusalem 1997.

## Introduzzjoni

Pawlu ta' Tarsu hu ċertament l-aktar figura magħrufa tal-kristjaneżimu tal-bidu. L-ebda personaġġ ieħor importanti fit-T.Ġ., inklużi l-appostli famużi Pietru, Ġwanni, u Ġakbu, ma huma magħrufin minn dokumentazzjoni hekk kotrana kif inhi dik riservata għal Pawlu. Saħansitra lanqas il-figura ta' Ġesù ma hi daqshekk dokumentata meta nqabbluha ma' dik ta' l-Appostlu. L-għarfien tagħna ta' "Ġesù storiku" fih ħafna punti dubjużi, għaliex l-Evanġelji huma kemm dokumenti storiċi kif ukoll xhieda tal-fidi tal-komunità tal-bidu. Ġesù ma ħalla l-ebda dokument miktub. Pawlu ħallielna ġabra grandjuża ta' ittri, il-"Corpus Paolinum".

L-informazzjoni storika dwar Pawlu niġbruha l-aktar mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli u mill-Ittri tiegħu. Imma ta' min jgħid li dawn id-dokumenti ma għandhomx l-intenzjoni li jagħtuna "biografija" sħiħa ta' Pawlu.

Il-problema tal-Fonti letterarji: Atti ta' l-Appostli Aktar minn nofs il-Ktieb ta' l-Atti jitkellem dwar Pawlu (Atti 7,58b; 8-14; 9,1-30; 13-28). Dawn huma l-aktar fonti sistematika u estiża biex inkunu nafu min hu dan l-Appostlu.

L-awtur ta' l-Atti hu Luqa, "it-tabib għażiż" ta' Kol 4,14, sieħeb Pawlu (Kol 4,14; 2Tim 4,11; Fm 24) u awtur ukoll tat-tielet Evanġelju. L-aktar prova ċara ta' dan huma s-siltiet ta' l-Atti li jitkellmu bl-ewwel persuna plural ("aħna"). Għalkemm mhux l-istudjużi kollha jaqblu ma' din l-ipotesi, u hemm min issuġġerixxa ismijiet oħrajn, it-tradizzjoni ekkleżjali dejjem qieset li l-awtur ta' l-Atti hu Luqa, is-sieħeb fidil ta' Pawlu (cfr. Kol 4,14; 2Tim 4,11; Fm 24; Atti 16,10-17; 20,5-21,18; 27,1-28,16), bniedem ta' kultura, li kellu għarfien profond tal-letteratura u ta' l-istorjografija griega, u li kien kapaċi li jagħmel riċerkia storika attenta u jiktibha b'ċerta ħila letterarja. Fil-fatt, fl-Evanġelju u fl-Atti, Luqa rnexxielu joffrielna sintesi mill-aħjar dwar l-oriġini u l-iżvilupp tal-kristjaneżimu tal-bidu.

Rigward id-data ta' komposizzjoni nistgħu naċċettaw li l-Atti nkitbu madwar is-sena 80 w.K., jiġifieri wara l-komposizzjoni tat-tielet Evanġelju. L-Atti mela nkitbu xi 30 sena wara l-"ittri awtentiċi" ta' Pawlu. Luqa, li kien ġej minn ambjent pagan konvertit, jikteb għal komunità li kienet kollha kemm hi frott ta' l-evanġelizazzjoni tal-pagani, li tagħha Pawlu kien figura essenzjali, għaliex kien "missjunarju" tal-"popli pagani".

L-Atti la huma bijografija ta' Pawlu u lanqas ma nkitbu skond il-kriterji ta' l-istorjografija posittivista moderna, li fiha l-istoriku jrid jgħid biss kif seħħew effettivament il-ġrajjiet. Eżempju ta' din il-libertà ta' l-istoriku li kien Luqa narawh fil-fatt li hu jirrakkonta l-ġrajja tal-konverżjoni ta' l-Appostlu tliet darbiet (Atti 9,1-22; 22,3-16; 26,1-23).

Il-Ktieb ta' l-Atti hu fonti storika tajba ħafna biex nibnu l-fatti tal-ħajja ta' Pawlu. Mhux biss, imma l-Atti rridu nqisuhom bħala l-fonti prinċipali tal-ħajja, l-attività apostolika u l-messaġġ ta' Pawlu.

Il-problema tal-Fonti letterarji: l-Ittri ta' San Pawl Jekk neskludu l-Ittra lil-Lhud, it-tradizzjoni tatribwixxi lil Pawlu 13-il ittri, li jiffurmaw nofs il-kitbiet tat-T.Ġ., u li ġustament inqisuhom bħala l-fonti ewlenija u determinanti mhux biss biex nibnu l-messaġġ u t-teoloġija ta' Pawlu, imma wkoll l-istorja tal-ħajja tiegħu. Mingħajr dubju l-Ittri mhumiex awtobijografija ta' Pawlu, għaliex huma kitbiet okkażjonali. Fihom xi elementi awtobijografiċi (cfr. Gal 1,11-2,21), imma dawn huma redatti biss b'funzjoni apoloġetika.

L-akbar problema dwar l-Ittri Pawlini hi dik ta' l-awtentiċità u tal-kronoloġija tagħhom. Hemm nukleu ta' 7 Ittri li dejjem kienu jitqiesu awtentiċi: 1Tessalonkin,

1Korintin, Galatin, Filippin, 2Korintin, Rumani, Filemon. L-awtentiċità ta' Kolossin, 2Tessalonkin u Efesin ġie li tqiegħdet fid-dubju, imma mingħajr agrumenti deċisivi. Il-ġudizzju dwar l-"Ittri Pastorali" hu aktar kritiku, hekk li studjużi protestanti jqisuhom unikament bħala mhux ta' Pawlu, filwaqt li kritiċi kattoliċi jqisuhom bħala awtentiċi u frott ta' l-aħħar snin tal-ħidma ta' l-Appostlu. Hu evidenti li s-7 Ittri meqjusin bħala deċiżament awtentiċi jibqgħu l-bażi soda li fuqha rridu nibnu l-ħajja u l-ħsieb ta' Pawlu, kemm għaliex huma dokumenti storiċi ta' antikità eċċezzjonali, kif ukoll għaliex iqegħduna f'kuntatt dirett ma' l-Appostlu u l-messaġġ tiegħu, kif ukoll mal-problemi tal-kristjaneżimu tal-bidu.
Rigward il-kronoloġija ta' l-Ittri x'aktarx li l-ordni jrid ikun dan li ġej: 1-2Tessalonkin (snin 50-51 - Korintu), 1Korintin (53-55 - Efesu), Galatin (54-56 - Efesu), Filippin (55 - Efesu), 2Korintin (56-57 - Maċedonja), Rumani (58 - Korintu), Filemon (61-63 - Ruma), Kolossin (62-63 - Ruma), Efesin (60-63 - Ruma), Ittri Pastorali (1-2 Timotju, Titu – 64-67 - Ruma). Ma nafux meta ġew miġburin flimkien f'kollezzjoni unika kif insibuhom fit-T.Ġ. Nafu li l-Knejjes sa minn kmieni għamlu użu minnhom u kienu jibgħatuhom lil xulxin.





## Fonti oħrajn

Barra mill-Ittri Pawlini u l-Atti, fit-T.Ġ. insibu silta waħda li tikkwota l-"Corpus Paolinum" f'2Pt 3,15-16: "Hekk ukoll kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skond l-għerf li ngħata lilu. Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li m'humiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura". Issa jekk naċċettaw li 2Pietru inkitbet madwar is-sena 90 w.K. insibu fiha l-ewwel xhieda ta' l-eżistenza tal-"Corpus Paolinum" u l-ewwel informazzjoni tal-kanoniċità ta' l-Ittri ta' Pawlu fl-użu li kienet tagħmel minnhom il-Knisja tal-bidu.

Barra mit-T.Ġ. għandna x-xhieda ta' Klement ta' Ruma (†101) li jikteb li Pawlu kiteb lill-Korintin dwar l-għaqda tal-Knisja, li sofra l-ktajjen għal seba' darbiet u li mar jagħti x-xhieda tiegħu "sat-trufijiet tal-punent" (Spanja?) quddiem l-awtoritajiet. Polikarpu ta' Smirne, li miet martri fis-sena 156, fl-ittra li kiteb lill-Filippin, jgħid li Pawlu kien kitbilhom "ittri". Dan ifisser li l-Ittri ta' l-Appostlu kienu magħrufin fil-komuntajiet li hu kien evanġelizza.

Minn Tarsu sa Damasku

"Jiena Lhudi; twelidt f'Tarsu taċ-Ċiliċja" (Atti 22,3), "ċittadin ta' belt magħrufa" (Atti 21,39). B'dawn il-kliem Pawlu jippreżenta ruħu quddiem it-tribun, meta ġie akkużat li kien qajjem rewwixta, u quddiem il-Lhud li riedu joqtluh fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Il-biljett ta' presentazzjoni tiegħu hu: PAWLU, Lhudi minn Tarsu. Ma nafux eżattament id-data tat-twelid ta' l-Appostlu. Nistgħu biss nagħmlu xi ipotesti bbażata fuq Fm 9 u Atti 7,58. Filemon 9 (miktuba bejn is-snin 54-61) iġġib dawn il-kliem ta' Pawlu: "jiena, Pawlu, raġel xwejjaħ, u issa priġunier ta' Kristu Ġesù". Issa skond Ippocrate, l-anzjanità kienet tikkorrispondi għall-perjodu ta' bejn 49 u 56 sena fil-ħajja tal-bniedem. B'hekk id-data tat-twelid ta' Pawlu, fuq dak li tgħid Filemon, irridu npoġġuha bejn is-snin 5-10 w.K. Din l-informazzjoni tidher li hi kkonfermata minn Atti 7,58, fejn Pawlu jissejjaħ "żagħżugħ", waqt il-martirju ta' Stiefnu, jiġifieri persuna li kellha bejn il-21 u 28 sena. Issa l-martirju ta' Stiefnu hu ddatat fis-snin 32-36, u għalhekk naslu wkoll għas-snin 5-10 w.K. rigward it-twelid ta' Pawlu.

L-Appostlu jgħid li kien "minn Tarsu", u li twieled "Tarsu taċ-Ċiliċja". Issa skond San Ġilormu, "De viris illustribus" (PL 26,653) Pawlu twieled f'Giscala tal-Lhudija. Jidher ċar li dak li jgħidu Atti 22,3 hu aktar ċert, jiġifieri li Pawlu twieled f'Tarsu taċ-Ċiliċja, għalkemm jista' jkun li l-familja tiegħu kienet ta' oriġini Giscala. Ma nafux għaliex il-ġenituri ta' Pawlu emigraw f'Tarsu; forsi għaliex fis-sena 4 q.K. ir-Rumani kienu qerdu parti kbira mill-Galilija u ħadu

l-popolazzjoni f'postijiet oħrajn, jew inkella għal raġunijiet ekonomiċi.
L-orġini Lhudija ta' Pawlu hi afferamata f'Fil 3,5: "twelidt fil-poplu ta' Israel, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud". Wara tmint ijiem, skond it-tradizzjoni Lhudija, t-tifel irċieva ċ-ċirkonċiżjoni (Atti 23,6; 26,5) u ngħata l-isem ta' Sawlu ("mitlub minn Alla"). Kif kienet id-drawwa tal-Lhud fid-Djaspora, it-tifel ingħatalu wkoll l-isem bil-verżjoni Latina, jiġifieri Pawlu, kif l-Appostlu soltu jsejjaħ lilu nnifsu fl-Ittri tiegħu.
L-Atti ta' l-Appostli jagħtuna ż-żewġ ismijiet ta' l-Appostlu. Sa Atti 13,9 l-Appostlu jissejjaħ esklussivament bl-isem ta' Sawlu. Imma hawnhekk Luqa jintroduċi l-isem l-ieħor: "Sawl, li jismu wkoll Pawlu", u minn hawn 'il quddiem dejjem isejjaħlu b'dan it-tieni isem. X'aktarx li Luqa jirreferi għall-ewwel isem biex juri li Sawl kien Lhudi perfett, imma meta mbagħad jurih bħala "missjunarju tal-pagani" jibda jippreżentah bl-isem Latin u Grieg tiegħu, "Pawlu". Imbagħad irridu ngħidu li l-ebda ċittadin Ruman, kif kien Pawlu, ma seta' juża isem li ma kienx Latin jew Grieg.

### L-ambjent ta' Tarsu

L-ambjent tat-tfulija ta' Pawlu kien dak ta' Tarsu fil-bidu ta' l-1 seklu w.K. L-Appostlu jgħid li Tarsu kienet "belt magħrufa" (Atti 29,31). Sa minn żmien l-Ħittiti kienet il-kapitali taċ-Ċiliċja, ir-reġjun tax-xlokk tal-peninsula Anatolika (Turkija moderna) fl-Asja Minuri, li hu kkaratterizzat mill-muntanji tat-Taurus u Antitaurus fuq il-fruntieri mas-Sirja, u mill-Baħar Mediterran fuq il-kosta li tħares lejn il-gżira ta' Ċipru. Ir-reġjun kien maqsum fil-parti tal-pjanura, fejn kienet tinsab Tarsu, u f'dik muntanjuża. Il-komunikazzjoni mal-kumplament ta' l-Asja Minuri kienet biss issir permezz ta' fetħa fil-muntanji, li hi magħrufa bl-isem ta' "Porte Cilicie", bejn it-Taurus u l-Antitaurus, filwaqt li mas-Sirja l-komunikazzjoni kienet issir permezz tal-"Porte Siriache" u l-"Porte Amaniche". Fi żmien Pawlu din kienet provinċja Rumana unika bl-isem ta' Syria-Cilicia (cfr. Gal 1,21). Tarsu kienet għaddiet f'idejn ir-Rumani fis-sena 47 q.K. u ħadet l-isem ta' Juliopolis, ad unur ta' Giulio Cesare.
Tarsu kienet belt kummerċjali, li fiha kien joqogħdu nies minn diversi nħawi, fosthom iċ-Ċiliċja, Likaonja, Kappadoċja, Asja Minuri, Sirja, Mesopotamja, Greċja u wkoll Ruma. B'hekk Tarsu kienet tassew belt kosmopolita ta' kultura ellenistika. Bħala ċentru ta' kultura kienet tħabbatha ma' bliet famużi għall-filosofija, bħalma kienu Ateni u Lixandra. Il-presenza ta' popolazzjoni kosmopolita għamlet minn Tarsu belt fejn kien hemm sinkretiżmu reliġjuż qawwi, bil-presenza ta' diversi kulti assiri, persjani u griegi.
F'din il-klima ta' libertà ċertament il-komunità Lhudija f'Tarsu kienet tispikka minħabba l-monoteiżmu tagħha. Il-Lhud ta' Tarsu



kienu x'aktarx numerużi, imma kienu ta' kultura ellenizzata, kif kienu l-Lhud kollha tad-Djaspora. Kienu jafu tajjeb il-lingwa Griega. Pawlu nnifsu jgħid lir-Rumani: "Jiena nħoss ruħi obbligat lejn il-Griegi u l-Barbari, għorrief u mhumiex" (Rum 1,14). Imma lill-Filippin jgħidilhom: "Jekk hemm xi ħadd li għandu għax iqiegħed it-tama tiegħu fil-ġisem, jien għandi aktar minnu: ta' tmint ijiem għamluli ċ-ċirkonċiżjoni, twelidt fil-poplu ta' Israel, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi" (Fil 3,4-5).

Il-formazzjoni kulturali ta' Pawlu x'aktarx li seħħet kif kienet tgħid il-"Mishna": "fl-età ta' 5 snin il-qari tal-Bibbja; fl-età ta' 10 snin il-Mishna; fl-età ta' 13-il sena l-ħarsien tal-kmandamenti; fl-età ta' 15-il sena it-Talmud". Pawlu x'aktarx li kien jaqra l-Bibbja fil-verżjoni Griega tas-LXX (Septuaginta), li kienet il-verżjoni li kienet tintuża fid-Djaspora. Pawlu kien jaf ukoll tajjeb il-lingwa Griega, kif jidher mill-Ittri tiegħu. Imma biex jaqra l-Bibbja kellu jitgħallem ukoll l-Aramajk u l-Lhudi, għax inkella ma setax ikompli l-istudji rabbiniċi kif għamel aktar tard. Skond it-tradizzjoni Lhudija "kull missier hu obbligat jgħallem sengħa lil ibnu; min ma jgħallimx sengħa lil ibnu jgħallmu jsir ħalliel" (Tosephta Qiddushim 1,11). Is-sengħa li tgħallem Pawlu kienet dik ta' "skenopoiós", jew wieħed li "jagħmel it-tined" (Atti 18,3). L-Appostlu nnifsu jagħti xhieda tal-fatt li kien jaħdem b'idejh f'1Tess 2,9: "Sakemm konna qegħdin inxandrulkom l-Evanġelju ta' Alla, aħna ħdimna bil-lejl u bi nhar, biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu".





## F'riġlejn Gamaljel

L-esperjenza li mmarkat il-ħajja ta' Pawlu f'żgħożitu kienet dik akkademika "f'riġlejn Gamaljel" (Atti 22,3). Dan kien il-famuż Rabban Gamaljel l-anzjan, li dwaru jitkellmu wkoll Atti 5,34-39 bħala bniedem moderat. Kien jew iben jew neputi ta' Hillel, u l-ħidma tiegħu rabbinika wettaqha bejn is-snin 20-50 w.K. Kellu t-titlu ta' Rabban, jew Mgħallem kbir. Fl-iskola moderata ta' Hillel, Gamaljel kien "mgħallem fil-Liġi u miġjub mill-poplu kollu" (Atti 5,34). Ta' 15-il sena, mela, Pawlu kien jinsab Ġerusalemm fl-iskola ta' dan ir-rabbi famuż, għalkemm ma għandna l-ebda riferiment espliċitu għal Gamaljel f'Gal 1,14 u Fil 3,5-9 fejn l-Appostlu jiddefendi ruħu kontra l-avversarji tiegħu. Pawlu tgħallem il-Liġi, jew Torah, li l-Lhud kienu jqisuha bħala l-akbar don li Alla ta lill-poplu tiegħu.

Ir-rabbini kienu jistudjaw il-Liġi li Alla ta lil Mosè fuq is-Sinaj, skond il-forma miktuba u orali tagħha. Il-Liġi miktuba kienet tikkonsisti f'613 preċetti, filwaqt li dik orali kellha bosta oħrajn. Pawlu temm l-istudju tal-Liġi meta kellu 19-20 sena, u hekk

ninsabu fis-snin 24-30 w.K. Minn dan il-mument sal-martirju ta' Stiefnu ma nafu xejn dwar Pawlu jew fejn kien. Ma nafux jekk baqax Ġerusalemm inkella marx Tarsu, jekk kienx ċelibi, u jekk qatt ra lil Ġesù. Suppost li, skond l-usanza Lhudija, ta' 18-20 sena Pawlu kellu jiżżewweġ. Imma t-tradizzjoni kostanti tas-Santi Padri (ħlief Klement ta' Lixandra) tqis li Pawlu qatt ma żżewweġ, fuq dak li hu stess jgħid f'1Kor 7,8: "Lil dawk li m'humiex miżżewġa jew huma romol, ngħidilhom li jkun tajjeb għalihom li jibqgħu bħali". X'aktarx li Pawlu kien ħalla Ġerusalemm qabel ma Ġesù beda l-ministeru pubbliku tiegħu.

## Pawlu l-Fariżew u persekutur ta' l-Insara

Ma hemm l-ebda dubju li Pawlu kien Fariżew. Luqa jafferma dan il-ħin kollu fl-Atti, u saħansitra juri lil Pawlu nnifsu li jafferma li hu kien Fariżew: "Ħuti, jiena Fariżew u bin il-Fariżej" (Atti 23,6). Lill-prokuratur Festu u lir-re Agrippa jgħidilhom: "jien għext ta' Fariżew, skond is-setta l-aktar iebsa tar-reliġjon tagħna" (Atti 26,5). L-istess isostni f'Fil 3,5-6.
Għalkemm l-Evanġelji jagħtuna ġudizzji pjuttost negattivi dwar l-ipokrisija tal-Fariżej, nafu li Ġesù kellu kuntatti ta' ħbiberija sinċiera ma' Fariżej, bħalma kienu Nikodemu u Ġużeppi t'Arimatija. L-Atti jitkellmu mill-moderazzjoni ta' Gamaljel. Pawlu kien Fariżew fis-sens awtentiku tal-kelma. F'Gal 1,13-14 jikteb: "Intom smajtu bl-imġiba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija, kif kont nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha; u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kollha ta' mpari, mġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti" (cfr. Atti 24,14-15). Kien proprju dan iż-żelu lejn il-Liġi li għamel minn Pawlu wkoll persekutur tal-Knisja. F'1Tim 1,12-13 Pawlu jikteb: "Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu, lili qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu". Fil-fatt ma nafux eżattament kif Pawlu kien persekutur tal-Knisja. Atti 7,58 ma jgħidu xejn dwar ir-rwol li kellu Pawlu fil-martirju ta' Stiefnu, ħlief li jgħidu: "Sawl kien fehma waħda magħhom fil-mewt li tawh" (Atti 8,1). L-uniku riferiment li għandna hu dak ta' Atti 26,9-10: "Jien ukoll deherli li kelli nagħmel minn kollox kontra l-isem ta' Ġesù ta' Nazaret. U hekk għamilt f'Ġerusalemm".
Ħaġa waħda hi ċerta, li fil-ħeġġa tiegħu Pawlu akkwista malajr il-fiduċja tas-Sanhedrin u kiseb mill-Kunsill il-permess li jużа dixxiplina fuq is-"setta" ta' l-Insara. Kien hawn li Pawlu għadda mill-esperjenza fondamentali li biddlitlu ħajtu darba għal dejjem fil-bibien ta' Damasku.

**Alfio Marcello Buscemi OFM**





# L-ART IMQADDSA, LOD U SAN ĠORĠ

Il-belt ta’ Lod (isem bil-Lhudi), jew ta’ al-Ludd (isem bl-Għarbi), jew ta’ Lydda (isem Grieg-Latin) hi belt moderna fl-Istat ta’ Israel, qrib ħafna ta’ l-ajruport internazzjonali ta’ Ben Gurion. Lod illum hi belt kbira ta’ 66,800 abitant, imma fil-fatt għandha nukleu storiku antik ħafna li jmur lura sekli sħaħ.

Lod moderna tinsab mibnija fuq is-sit tal-kolonja Griega ta’ Lydda (Lidda). Qabel l-indipendenza ta’ Israel fl-1948 kienet belt għal kollox Għarbija, bl-isem ta’ al-Ludd. Lod

tissemma għall-ewwel darba fil-lista ta' Tutmosis III f'Karnak fit-2 millennju qabel Kristu.
Il-Bibbja ssemmi l-belt ta' Lod f'Esdra 2,33 u Neħemija 11,35, fejn jingħad li l-belt kienet ġiet abbandunata fil-perjodu ta' l-eżilju f'Babilonja, imma li l-Lhud reġgħu marru jgħixu fiha meta ġew lura.
L-aktar riferiment importanti għal Lod fil-Bibbja hu dak ta' Atti 9,32-38, li fih Pietru jfejjaq Enea l-paralitiku: "Ġara li Pietru, huwa u jdur dawk l-inħawi kollha, niżel ukoll għand il-qaddisin li kienu joqogħdu Lidda. Hemmhekk sab raġel mifluġ, jismu Enea, li kien ilu tmien snin mixħut fis-sodda. Pietru qallu: 'Enea, Ġesù Kristu jfejqek: qum u ifrex is-sodda inti stess'. U dak minnu fih qam. In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh, u daru lejn il-Mulej".
Fi żmien l-imperu Ruman il-belt ta' Lod kien jisimha Diospolis (Colonia Lucia Septimia Severia Diospolis). Wara l-qerda tat-Tempju ta' Ġerusalemm fis-sena 70, Lod saret ċentru importanti tat-tagħlim tat-Talmud, u hemmhekk Rabbi Akiva waqqaf skola rabbinika ("yeshiva") li fiha kienu jmorru eluf ta' studenti. Fost ir-rabbini famużi li ħarġu minn din l-iskola jissemmew Rabbi Eliezer ben Hyrcanus, Rabbi Tarfon u Rabbi Gamaliel.
Imma kien fl-epoka ta' l-imperu Biżantin li Lod saret famuża minħabba l-qabar tal-martri San Ġorġ, li l-insara jqimu fiha. Kien f'dan iż-żmien li kienet magħrufa wkoll bħala Georgiopolis (il-belt ta' San Ġorġ). Wara l-ħakma Għarbija (638) tal-Palestina, Lydda kienet belt kapitali tar-reġjun tal-Palestina, sakemm dan iċ-ċentru ttieħed fil-belt viċina ta' Ramleh. Fi żmien il-ħakma Kruċjata (1099-1187) Lydda kienet belt importanti u djoċesi. Saladin rebaħ il-belt imma l-Kruċjati reġgħu ħaduha f'idejhom fl-1191. Kien ir-re Richard I (Richard the Lionheart) li ta importanza kbira lil Lydda bħala l-belt li fiha, skond it-tradizzjoni, twieled San Ġorġ, qaddis patrun ta' l-Ingilterra.
Fi żminijiet aktar reċenti Lydda kienet belt Għarbija, u fil-UN Partition Plan ta' l-1947 hi kellha tibqa' parti minn dik l-art li kellha tingħata lill-Palestinjani bħala stat. Waqt il-Gwerra Israeljana ta' l-Indipendenza, il-Haganah u l-Irgun ħatfu Lydda fl-1948, u keċċew minnha ħafna mill-Għarab residenti, biex hekk il-belt, li huma semmewha Lod, issir ċentru li jħares it-triq strateġika li tgħaqqad Tel Aviv ma' Ġerusalemm. Illum il-ġurnata l-popolazzjoni ta' Lod hi magħmula minn 80 fil-mija Israeljani, u 20 fil-mija Għarab (li minnhom 19 fil-mija huma Musulmani u 1 fil-mija Kristjani). Huma dawn ta' l-aħħar li jħarsu l-famuż santwarju li fih hu meqjum il-qabar tal-martri San Ġorġ.
Il-kristjaneżimu f'Lod
Fil-mappa famuża fil-mużajk li nstabet fil-knisja ta' San Ġorġ f'Madaba, il-Ġordanja, u li hi tas-seklu 6, hemm inkluż l-isem ta' Diospolis, jew Lydda. Dan kollu jindika li, fi żmien



*Cenotafju fuq il-qabar ta' San Gorg f'Lod*

il-Biżantini, Lod kienet belt importanti u kienet meqjusa bħala santwarju famuż li fih l-insara kienu jqimu wieħed mill-akbar martri tal-Kristjanità, jiġifieri San Ġorġ. Imma qabel ma nħarsu lejn il-kult mogħti lil San Ġorġ, u li għalih Lod baqgħet famuża, tajjeb li nagħtu daqqa t'għajn lejn l-oriġini tal-kristjaneżimu f'dawn l-inħawi. Diġà semmejna s-silta ta' l-Atti 9,32-25, li fiha Pietru jfejjaq lill-paralitiku Enea. L-arkeologu Franġiskan P. Bellarmino Bagatti OFM, fil-ktieb "Ancient Christian Villages in Samaria", jagħtina studju interessanti dwar il-kristjaneżimu f'Lod. Hu jistaqsi: min kienu l-ewwel evanġelizzaturi f'Lydda, jekk l-awtur ta' l-Atti jgħid li Pietru mar iżur il-qaddisin (l-insara) f'din il-belt? Skond tradizzjoni tas-seklu 10, li ġiet ippreservata fil-lingwa Ġorġjana imma li kienet ġiet tradotta mis-Sirjak, l-ewwel evanġelizzatur kien Ġużeppi minn Arimatija. Fil-fatt, skond it-tradizzjoni Ġużeppi kien mill-belt ta' Ramleh, li llum il-ġurnata tmiss ma' Lod u kienet qrib ħafna tagħha. Skond dan id-dokument Ġużeppi kien bena knisja ddedikata lil Omm Alla f'Lydda. Skond kitba oħra msejħa "De Septuaginta Domini discipulis" (Patrologia Greca 92,1065), ċertu Zenas, li kien dixxiplu ta' San Pawl, kien sar isqof ta' Lydda.

L-ewwel insara ta' Lydda kienu Lhud-Insara, u kellhom kuntatti ma' l-iskola Talmudika li semmejna aktar 'il fuq, u b'mod partikulari ma' Rabbi Eliezer ben Hyrcanus. Jingħad li Rabbi Tarfon ukoll kien jgħix f'Lydda u li kien ħadha qatta' bla ħabel kontra dawk il-Lhud li kkonvertew lejn il-fidi l-ġdida (Kristjaneżimu), u ma kellux skrupli li jeqred l-Evanġelji li sab, ukoll jekk fihom kien hemm imniżżel l-isem ta' Alla. Rabbi Aqiva, li kien għaraf lil Bar Kokhva bħala l-messija fi żmien ir-rivoluzzjoni Lhudija kontra l-Imperatur Adrijanu (135), kien jgħix ukoll f'Lydda. Skond San Ġustinu, martri, li hu kontemporanju għal din il-ġrajja, kienet f'din l-okkażjoni li kienu mietu wkoll xi martri Lhud-Insara, għax ma ridux jagħrfu lil Bar Kokhva bħala messija.

Qrib is-sena 200 ir-Rumani bidlu l-isem ta' Lydda f'dak ta' Diospolis (belt ta' Giove). Kif kienu għamlu f'postijiet oħrajn, huma riedu jagħtu isem pagan lill-belt. Hu f'dan iż-żmien li nibdew niltaqgħu ma' insara li ma kinux Lhud, imma li kienu ġejjin mill-paganeżimu (Insara-Gentili). Fil-fatt, l-insara li sofrew il-martirju mis-seklu 3 'il quddiem kienu kollha kkonvertiti mill-paganeżimu. Hekk waqt il-persekuzzjoni

taʼ Djoklezjanu (li fiha miet martri San Ġorġ), niltaqgħu mal-martri djaknu Romulus, li ġie arrestat f'Lydda, u ġie maqtul f'Ċesarija fis-sena 305. L-istess miet ċertu Maximus, li kien qassis, skond il-kittieb Eusebius, "Historia Ecclesiastica" II,20. Fis-sena 325 nafu li l-isqof taʼ Lydda kien jismu Aetius, għax ismu hu inkluż fil-lista taʼ isqfijiet li ħadu sehem fil-Konċilju taʼ Nicea.

Isqof ieħor taʼ Lydda fis-seklu 4 kien Dionysius, li kien ħabib kbir taʼ San Ġilormu. Meta l-qaddis kien ġie skomunikat flimkien mal-komunità monastika tiegħu f'Betleħem, mill-arċisqof Ġwann II taʼ Ġerusalemm, Ġilormu bagħat xi katekumeni li kien għallem hu lejn Lydda biex l-isqof Dionysius jgħammidhom fil-lejl taʼ l-Għid. Il-ħbiberija bejn dawn iż-żewġ personaġġi tidher f'ittra li Dionysius bagħat lil Theophilus, patrijarka taʼ Lixandra, u li hi miżmuma fost l-ittri taʼ San Ġilormu. Dionysius kien ħa sehem fil-Konċilju Ekumeniku taʼ Kostantinopli fis-sena 381. Isqfijiet oħrajn taʼ Lydda li jissemmew fi żmien il-Biżantini jinkludu lil Photinus, li ħa sehem fil-Konċilju taʼ Kalċedonja (451) u Apollonius, li ħa sehem fil-Konċilju taʼ Ġerusalemm (581). Wara l-okkupazzjoni Għarbija (638) nsibu lir-raħeb Eustathius bħala isqof taʼ Lydda. Hu kien ġej mill-monasteru taʼ Castellion, qrib il-Laura taʼ San Saba. Fil-mappa tal-mużajk taʼ Madaba, Lydda tidher bħala belt tipika Biżantina: belt mingħajr swar, li kellha triq bil-kolonni li fiha jidhru żewġ knejjes: knisja kbira fuq il-lemin u knisja iżgħar fuq ix-xellug, it-tnejn li huma mibnijin fuq pjanta taʼ bażilika. Il-knisja li tinsab in-naħa tal-lemin għandha pjazza semiċirkulari b'kolonni quddiemha. Waħda minn dawn il-knejjes irridu nidentifikawha maʼ dik taʼ San Ġorġ, u hi x'aktarx dik li aktar tard reġgħu bnewha l-Kruċjati, u li waslet sa żminijietna. Il-knisja l-oħra x'aktarx tfakkar il-miraklu li San Pietru wettaq fuq il-paralitiku Enea. Parti mill-knisja Biżantina għadha tidher f'abside li jħares lejn il-lvant fil-moskea taʼ el-Khader, li hi maġenb il-knisja Kruċjata taʼ San Ġorġ. F'din il-moskea hemm ukoll iskrizzjoni bil-Grieg imnaqqxa fuq kolonna, u li tgħid: "Ir-ragħajja devoti li jippresjiedu fuq din il-belt, għal żmien twil fl-imgħoddi kienu mdawlin minn Kristu, u żejnu dan it-tempju glorjuż".

*Cenotafju taʼ San Gorg fil-Kripta tal-Knisja tal-qaddis f'Lod*





*Faccata tal-Knisja ta' San Gorg f'Lod u Minaret tal-Moseka ta' Al-Khidr*

## San Ġorġ fit-tradizzjoni Kristjana

San Ġorġ (ca. 275/281 – 23 ta' April 303) hu wieħed mill-aktar qaddisin popolari fil-Kristjanità, l-aktar fl-Orjent, u fil-Palestina. Ma tistax titkellem dwar l-Art Imqaddsa mingħajr ma ssemmi lil San Ġorġ. Fl-Oċċident Kristjan il-kult ta' San Ġorġ iddaħħal fl-Ewropa l-aktar bil-ħidma tal-Kruċjati, għalkemm kien diġà preżenti sa mill-qedem f'dawk l-inħawi ta' l-Ewropa maħkumin mill-Biżantini (cfr. Ġorġ Aquilina OFM, San Ġorġ Martri ta' Kristu. Tagħrif Storiku, Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd., San Ġwann, Malta 2003, pp.151). L-aktar dokument popolari fl-Oċċident dwar il-kult lejn San Ġorġ hi l-"Legenda Aurea" ta' Jacobus de Voragine.
Il-leġġenda ta' San Ġorġ tindikah bħala li twieled f'familja Kristjana lejn tmiem is-seklu 3. Missieru kien mill-Kappadoċja u kien uffiċjal fl-armata ta' l-imperu Ruman, u ommu kienet minn Lydda. Meta romlot telqet mill-Kappadoċja u marret tgħix ma' binha Ġorġ f'Lydda. Iż-żagħżugħ Ġorġ ukoll ingħaqad ma' l-armata u sar "tribunus" (tribun) u "comes" (konti) fl-istess armata. Il-karriera militari tiegħu għexha f'Nicomedia, bħala membru tal-gwardja personali ta' l-imperatur Ruman Djoklezjanu.
Fis-sena 303 Djoklezjanu ħareġ editt imperjali biex jikkmanda l-persekuzzjoni sistematika tal-Kristjani fl-Imperu kollu. L-imperatur Galerius kien dak li kien kompla din il-persekuzzjoni (305-311) u x'aktarx li kellu effett fuq Djoklezjanu biex ħa din id-deċisjoni. Ġorġ ġie ordnat jieħu sehem f'din il-persekuzzjoni, imma hu stqarr li hu nnifsu kien Kristjan u għalhekk dar kontra d-deċiżjoni imperjali. Djoklezjanu għaldaqstant ordna li jkun ttorturat u mbagħad qatagħlu rasu. Skond it-tradizzjoni Ġorġ sofra l-martirju barra l-ħitan ta' Nicomedia fit-23 ta' April 303. Qabel miet irnexxielu jikkonverti lill-imperatriċi Alessandra u lil Atanasju, li kien qassis pagan. Il-ġisem mejjet ta' San Ġorġ ittieħed Lydda, fejn l-Insara mill-ewwel qimuh bħala martri.
F'Lydda nbniet knisja ad unur ta' San Ġorġ mill-imperatur Kostantinu, u skond l-istoriku

Eusebius ta' Cesarija kienet ġiet ikkonsagrata f'ġieħ dan il-bniedem hekk famuż. Il-knisja Biżantina Kostantinjana nqerdet fl-1010 imma reġgħet inbniet mill-Kruċjati. Din ukoll inqerdet minn Saladin waqt it-tielet Kruċjata (1189-1192). Il-knisja li hemm illum inbniet fuq il-fdalijiet tagħha fl-1872.
Il-leġġenda ta' San Ġorġ li joqtol id-dragun fil-verżjoni oċċidentali tgħid li din il-ġrajja seħħet fil-belt ta' "Silene" (forsi Cirene fil-Libja) jew ukoll fil-belt ta' Lydda, skond it-tradizzjoni Palestinjana.
Dan id-dragun, simbolu tal-qawwiet tal-ħażen, kien joqgħod maġenb nixxiegħa ta' ilma barra l-belt. In-nies tal-belt kellhom jaraw kif jagħmlu biex id-dragun jitlaq minn hemm ħalli jieħdu l-ilma. Biex jirnexxilhom il-pjan tagħhom offrewlu sagrifiċċju uman. Bħala vittma għażlu li joffrulu l-prinċipessa. Din it-tfalja tiġi offruta lid-dragun, imma jidħol fix-xena l-qaddis Ġorġ li jaffaċċja d-dragun, joqtlu u jsalva lill-prinċipessa. B'dan il-mod iċ-ċittadini tal-belt jabbandunaw il-kult anċestrali pagan tagħhom u jikkonvertu għall-Kristjaneżimu.
Hemm min jara f'din il-leġġenda xebh ma' l-istorja mitoloġika ta' Perseus u Andromeda. San Ġorġ riekeb fuq żiemel abjad malajr daħal fl-ikonografija Kristjana Orjentali, kif daħal ukoll San Demetriju, riekeb żiemel aħmar. X'aktarx li bħala figura ta' martri San Ġorġ jirrappreżenta t-teoloġija li nsibu fil-Ktieb ta' l-Apokalissi, fejn il-figura tad-dragun bħala l-għadu infernali tidher fil-qawwa kollha tagħha (Apk 12,1-18). F'Apk 19,11-16 imbagħad insibu d-deskrizzjoni tal-kavallier fuq iż-żiemel abjad: "Mbagħad rajt is-sema miftuħ, u kien hemm żiemel abjad! Dak li kien riekeb fuqu jissejjaħ Fidil u Veru; bil-ġustizzja hu jaqta' l-ħaqq u jagħmel il-gwerra. Għajnejh qishom ħuġġieġa nar, b'ħafna djademi fuq rasu, u b'isem miktub fuqu li ħadd ħliefu ma jafu. Kien liebes mantell imxarrab bid-demm, u jissejjaħ bl-isem 'il-Verb ta' Alla'. Mexjin warajh, fuq żwiemel bojod, kien hemm l-eżerċti tas-sema, lebsin l-għażel abjad bla nikta. Minn fommu ħierġa xabla misnuna, biex joqtol il-ġnus, u jmexxihom b'xettru tal-ħadid. Huwa jisħaq l-inbid ibaqbaq fil-magħsra tal-korla ta' Alla li jista' kollox. Fuq il-mantell u fuq koxxtu għandu miktub isem: 'Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien'".
Din id-dehra naturalment tirreferi għal Kristu rebbieħ,

*Knisja ta' San Gorg Martri f'Lod*






*Pjanta tal-Knisja Kruċjata ta' San Ġorġ (aħdar) u tal-fdalijiet Biżantini fil-moskea ta' Al-Khidr (aħmar)*

permezz tal-qawwa tal-Kelma tiegħu, fuq il-qawwa tad-dlamijiet, imma sa mill-bidunett tal-Kristjaneżimu hi dehra li ta' spiss ġiet riferita għar-rebħa tal-martri, li bħal Kristu jsaltnu wara li xerrdu demmhom b'rebħa fuq ix-xitan. Fost il-martri ftit għandhom kult daqshekk popolari bħal San Ġorġ, li flimkien mal-martri tal-Palestina li Eusebius ta' Cesarija jitkellem dwarhom, akkwista l-unur li jirrappreżenta l-emblema tal-martirju Kristjan fil-milja tagħha.

## Al-Khidr fit-tradizzjoni Musulmana

L-isem "Al-Khidr" jew "El-Khader" fit-tradizzjoni Għarbija-Musulmana, jirreferi għal San Ġorġ. Ifisser letteralement "dak li jħaddar". Xi wħud huma tal-fehma li l-Musulmani jqisu dan il-personaġġ bħala qaddis, filwaqt li oħrajn jgħidu li hu profeta fl-Islam. Hu jissemma fil-Koran (Qur'an) fis-"sura Al-Kahf" (18:65082), fejn jingħad li l-profeta Mosè (Nabi Musa) iltaqa' ma' Al-Khidr, li kien wieħed mill-qaddejja tiegħu. Mosè jitolbu l-permess biex jakkumpanjah u hekk ikun jista' jitgħallem mill-għerf ta' dan il-personaġġ "dejjem iħaddar", jew eternament żagħżugħ. Meta Al-Khidr intebaħ li Mosè kellu t-Torah (Liġi) u l-għerf divin, hu infurmah li l-għarfien tiegħu kien ta' natura differenti u li Mosè ma setax josservah mingħajr ma joqgħod jistaqsih ħafna domandi. Mosè wiegħdu li juża sabar miegħu u huma għamlu vjaġġ flimkien.

## Il-kult lejn San Ġorġ Martri f'Lydda

Ħadd ma jaf min introduċa l-kult lejn San Ġorġ fil-belt ta' Lydda-Diospolis. L-eqdem xhieda jidhru fis-seklu 6 u juru li l-belt kienet meqjuma bħala l-post tal-martirju tal-qaddis, u l-post li fih kienu meqjuma r-relikwi tiegħu. Fl-itinerarju tal-pellegrin Theodosius, miktub qrib is-sena 530, naqraw: "F'Diospolis, fejn San Ġorġ irċieva l-martirju, hu mħares ġismu u jsiru ħafna mirakli" ("De situ Terrae Sanctae", c. 4, Corpus Christianorum Scriptorum Latinorum 175,116). L-istess informazzjoni nsibu fl-itinerarju tal-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza, li żar il-Palestina qrib is-sena 570 (CCSL 175,142). It-tradizzjoni tas-sitt seklu

dejjem issemmi knisja u qabar. Skond il-Kalendarju tal-Knisja ta' Ġerusalemm, il-festa ta' kull sena kienet issir fit-3 ta' Novembru: kienet tfakkar id-dedikazzjoni tal-knisja u d-deposizzjoni tar-relikwi. Il-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza jikteb: "Fuq it-triq, mhux bogħod minn Lydda, hemm kolonna tar-rħam f'nofs it-triq. Meta l-Mulej kien ittieħed biex jiġi fflaġellat ma' din il-kolonna, hi ħarbet, u ġġarret minn sħaba sakemm tqiegħdet f'dan il-post. Il-prova li dan hu minnu jidher mill-fatt li l-kolonna ma għandhiex bażi, li fuqu suppost li tistrieħ, imma tinsab imqiegħda direttament ma' l-art. Fuq il-quċċata tagħha jidher salib tal-ħadid. Hemm sellum li minnu wieħed jasal fil-quċċata, fejn jitqiegħdu bosta mnajjar u jinħaraq l-inċens. F'dan il-post dawk li huma maħkumin mix-xitan jinħelsu, għax f'dawn l-inħawi jidhru l-ħafna mirakli ta' l-imqaddes Ġorġ".
Eżattament seklu aktar tard żar il-Palestina l-qassis Arculphus. Mix-xeħta hu ma marx Lydda, imma meta kien Kostantinopli hu sema' bil-kolonna mirakoluża li magħha kien ġie fflaġellat San Ġorġ, u li kienet imħarsa f'Diospolis. Hu sar jaf bi ġrajjiet ġodda dwar il-qaddis. Leġġenda kienet tgħid li din il-kolonna kienet tinsab f'dar ta' wieħed nisrani u li fuqha kien hemm impittra x-xbieha ta' San Ġorġ. Wieħed kavallier ipprova jolqot ix-xbieha u l-lanza tiegħu nifdet il-kolonna daqs li kieku din kienet magħmula mill-borra. Malli ra dan il-miraklu l-kavallier ikkonverta ("De Locis Sanctis", III,4, CCSL 175,229-231).
Fis-snin 723-726 il-pellegrin Willibald żar il-Palestina u wasal f'Lydda biex iqim lil San Ġorġ. Mhux biss il-belt kien għad kellha isqof residenti, imma kien hemm ukoll eremita stilita jgħix fiha, jismu Julian.
Ir-raheb Andrija ta' Kreta, li fi tmiem is-seklu 7 kien isqof ta' Gortyna u metropolita ta' Kreta, jikteb li fi Diospolis kien hemm "xbieha maħduma mhux b'idejn il-bnedmin, li kenet turi lil Omm Alla, u li kienet għolja tliet kubiti. Din kienet ilha meqjuma minn żminijiet l-appostli, f'tempju msaqqaf li huma kienu bnew, fuq ix-xaqliba tal-punent.
Ix-xbieha kienet maħduma b'mod hekk artistiku, daqs li kieku ġiet impittra minn id esperta, u kienu jidhru l-mant vjola u t-tunika tagħha, idejha u wiċċha, u x-xebh magħha wieħed kien jista' jgawdih sal-ġurnata tal-lum" ("De sanctarum imaginum veneratione", PG 97,1301-1304).

*Moskea ta' Al-Khidr maġenb il-Knisja ta' San Ġorġ f'Lod*



Andrija jkompli jgħid li Julian l-Apostata kien bagħat xi rġiel biex jeżaminaw din ix-xbieha. Ukoll jekk inħallu fil-ġenb dawn il-leġġendi li ġew żviluppati madwar dawn ix-xbihat, ikollna nammettu li f'Lydda l-insara kienu tabilħaqq iqimu santwarju importanti fl-ewwel żminijiet tal-ħakma Għarbija tal-Palestina. Il-ħakkiema Għarab ma kinux jittolleraw din id-devozzjoni. Huma ppruvaw imexxu ċ-ċentru abitat minn Lydda għal Ramleh, ftit kilometri bogħod. Ya'qubi jikteb li fis-sena 870 il-Kaliff Suliman bin Abdel Malik ġiegħel lin-nies ta' Lydda biex imorru joqogħdu f'Ramleh u qerdilhom djarhom, u saħansitra l-belt. Kien f'dan il-perjodu li l-Musulmani bdew jemmnu fit-tradizzjoni li Kristu kellu joqtol l-Antikrist fl-aħħar jum fil-bieb ta' Lydda. Ta' min jilmaħ ix-xebh ta' din it-tradizzjoni antika Musulmani ma' l-istorja famuża ta' San Ġorġ li joqtol id-dragun, u li fiha nilmħu s-simboliżmu tal-battalja eterna bejn il-qawwiet tat-tajjeb u dawk tal-ħażen.

Meta Charlemagne ordna li ssir il-lista ta' monasteri fil-Palestina fis-sena 808, ma tissemmiex Lydda. Minkejja dan ma nistgħux ngħidu li s-santwarju ta' San Ġorġ kien meqrud. Tant hu hekk li r-raħeb Bernard isemmi l-monasteru u l-qabar fis-sena 870.

Fi żmien il-Kruċjati, bejn l-1099 u l-1286, kien hemm mhux inqas minn 15-il isqof ta' Lydda, li ma baqgħetx tissejjaħ Diospolis, imma kienet magħrufa bħala s-sede episkopali ta' Lydda u Ramleh. Il-Kruċjati naturalment inġibdu lejn Lydda minħabba l-kult ta' San Ġorġ, u hemmhekk iddeċidew li jerġgħu jibnu mill-ġdid il-knisja tal-qaddis. Fis-sena 1177 wieħed pellegrin Grieg, Ġwann Phocas, għadda minn Lydda u jikteb hekk: "Hawnhekk wieħed jara knisja kbira ddedikata lill-megalomartri San Ġorġ, fl-istess post li fih twieled u li kellu jsofri l-akbar taqbidiet minħabba qdusitu, u fejn ukoll jinsab il-qabar tiegħu. Il-knisja hi mtawla u fl-abside tal-presbiterju, taħt il-paviment fejn jinsab l-altar imqaddes, wieħed jista' jara l-bokka tal-qabar, li ġiet imblukkata b'irħam abjad. Qaluli li l-isqof Latin li hemm illum ipprova jiftaħ il-bokka tal-qabar, u meta għolla l-għatu tar-rħam li jimblukkah, hu sab għar kbir, u fin-naħa ta' ġewwa ta' l-għar hu sab il-qabar tal-qaddis. Hu pprova jiftaħ dan ukoll, imma ħarġet għalih fjamma nar mill-qabar, li kienet għodda ħarqet lil wieħed mill-irġiel u qatlet lill-ieħor fil-post" (PG 133,959-962). Għalkemm anke hawnhekk ninsabu quddiem elementi leġġendarji, jkollna nammettu li l-fatt ta' l-għar taħt l-altar jista' jkun minnu u jwassalna biex nemmnu li l-kult ta' San Ġorġ seta' beda fil-qabar li kien jinsab f'tarf il-belt. Is-santwarju preżenti għaldaqstant seta' kien l-okkażjoni biex il-belt inbniet aktar qrib il-qabar, kif ġara f'postijiet oħrajn fil-Palestina, bħal dil-każ tal-qabar ta' Lazzru f'Betanja. Il-Kruċjati kienu reġgħu bnew il-knisja fuq il-post tradizzjonali.

Mal-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, il-knisja ġiet abbandunata mil-Latini. Bil-mod il-mod, minħabba restrizzjonijiet imposti mill-ħakkiema Musulmani, l-knisja bdiet taqa' bċejjeċ. Meta fl-1374 żar Lydda l-Franġiskan Niccolò da Poggibonsi, hu ra l-knisja għadha f'kondizzjoni tajba, u kiteb: "Mil bogħod minn Ramleh hemm belt jisimha Lydda, u fiha hemm monasteru sabiħ u knisja kollha mpittra u mżejna. Taħt l-altar maġġur hemm blata li għandha toqba fin-nofs, u hemmhekk San Ġorġ qatgħulu rasu. F'din il-knisja jgħixu monaċi Griegi u l-pellegrini jaqilgħu indulġenza kbira għal dnubiethom".

Il-pellegrini medjevali kollha jixhdu għal din il-knisja mżejna bil-mużajċi u l-irħam, bid-differenza li l-blata fl-abside ma baqgħetx timmarka l-bokka

tal-qabar tal-martri imma l-post fejn San Ġorġ kien irċieva l-martirju. Fl-1431 Mariano da Siena ra knisja sabiħa, imma li kienet nofsha mġarrfa, u li fiha kien hemm żewġ altari, wieħed tal-Griegi u l-ieħor li jimmarka l-post li fih San Ġorġ kienu qatgħulu rasu. Jgħid li hemmhekk tiġi ċċelebrata l-quddiesa għall-Insara, filwaqt li l-Musulmani jħarsu mingħajr ma jindaħlu.
Fl-1494 il-kanonku Pietro Casola minn Milan jgħid li l-knisja kienet ivvenerata wkoll mill-Musulmani. Fil-fatt, il-Musulmani kienu bnew moskea f'parti mill-knisja. Il-kittieb Musulman Mujir ed-Din, fl-1496, jixhed għal dan: "F'Lydda hemm knisja b'saħħitha li għandha bitħa kbira. L-Insara kienu żejnuha b'ħafna doni u sal-lum għadhom iqimuha b'fidi soda. Is-sultan Saladin kien qeridha. Alla jkollu ħniena minnu, u j'alla jkun ferħan! Lydda hi belt mill-isbaħ. Tinsab qrib Ramleh, li hi belt ftit bogħod lejn ix-xaqliba tat-tramuntana. Lydda għandha moskea meqjuma li qabel kienet knisja li kienu bnew il-Griegi. Hi għandha minaret għoli".
Mal-waqgħa tar-Renju Latin is-santwarju ġie f'idejn l-insara lokali. Il-pellegrin Willbrand ta' Oldenburg, li żar il-postijiet qaddisa fl-1212, jinnota li "l-ġisem ta' San Ġorġ jinsab f'ċertu monasteru tas-Sirjani qrib Ramleh, u dan il-post jissejjaħ il-post li fih twieled



*Mattia Preti, Kwadru Titulari ta' San Ġorġ, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex*

San Ġorġ".
Il-pellegrin Russu Grethonios li ġie fil-Palestina fl-1400 osserva li f'Lydda kienu jgħixu bosta Kristjani Sirjani. Fl-1481 il-Franġiskan Paul Walter innota li l-insara kienu jgħidu li dan kien post li fih wieħed seta' jikseb indulġenzi. Imma jżid li kienu ftit il-pellgrini li kienu jmorru Lydda, għax kienet barra mit-toroq ewlenin u kienu jridu jħallsu l-ħaraġ lill-Musulmani biex iżuru s-santwarju. Fl-istess sena d-Dumnikan Faber jgħid li kien hemm Griegi jgħixu f'Lydda, jew aħjar Insara ta' rit Grieg.
Fis-seklu 16 Patri Bonifacio da Ragusa jsemmi l-Insara li kienu jgħixu f'Lydda, u jgħid li kienu jmorru Betleħem fil-Ħadd qabel il-festa ta' l-Assunta, flimkien ma' l-Insara l-oħrajn kollha ra' rit Grieg, biex hemmhekk ifakkru l-mewt ta' Marija.
Qatt ma saru skavi arkeoloġiċi fil-belt ta' Lydda, u għalhekk ftit nafu dwarha. L-unika ħaġa li nafu hi dwar il-knisja ta' San Ġorġ. Fl-1847 A. Bassi kiteb dwar l-istil "Gotiku" tal-knisja u ddeskriviha hekk: "It-tempju għandu tliet navati, li kollha jispiċċaw f'abside, u jagħtu lil dan il-monument forma rettangolari. Il-pilastri kwadri u b'saħħithom isostnu t-tliet arkati ta' kull navata u għandhom kolonna fuq kull naħa, ta' l-istess ħxuna fit-tul tagħha u bażi mingħajr pedestall. Il-kapitelli tal-kolonni u l-pilastri jkomplu tul il-ħajt kollu ta' l-abside ċentrali, li hi l-akbar waħda...".
Fl-1871 Clermont-Ganneau rċieva permess biex jidħol fil-moskea u offra deskrizzjoni arkeoloġika ta' l-antikitajiet. Barra mill-knisja Kruċjata hu indika l-abside Biżanitina li tinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-moskea, kif ukoll xi kolonni li huma inkorporati fil-pilastri tal-moskea. Hu kkonkluda li fil-fatt kien hemm żewġ knejjes, waħda maġenb l-oħra, imma li nbnew f'perjodi diversi: dik tan-naħa tan-nofsinhar f'epoka Biżantina u l-oħra f'epoka Kruċjata.
Il-knisja ta' San Ġorġ, li hemm illum f'Lod, reġgħet inbniet parzjalment mill-monaċi Griegi Ortodossi, li jufficjawha fl-1870, fuq il-fdalijiet tal-knisja Kruċjata. Kien lejn it-tieni nofs tas-seklu 19 li l-awtoritajiet Ottomani taw il-permess lill-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm biex jibni knisja fejn qabel kien hemm il-bażilika antika ta' San Ġorġ. Il-knisja hi mibnija fuq struttura antika tas-seklu 15 u tokkupa x-xaqliba tat-tramuntana tan-navata u n-naħa tax-xellug tal-knisja qadima, li minnha għadhom weqfin żewġ absidi – li kontrarjament għar-regola normali, jħarsu lejn it-tramuntana u mhux lejn il-lvant. Il-knisja tal-lum tokkupa n-naħa tal-grigal ta' dik li kienet il-Bażilika Biżantina. Is-sala tat-talb tal-moskea ta' el-Khader, jew al-Khidr (l-isem li l-Musulmani jagħtu lil San Ġorġ) fiha l-kolonna li darba kienet fin-navata tal-bażilika. Taħt l-abside hemm għar li fiċ-ċentru tiegħu hemm ċenotafju li fih bassoriliev ta' San Ġorġ b'din l-iskrizzjoni: "San Ġorġ, li jġorr il-lanza, 1871, taħt il-Patrijarka Ċirillu".
M. Beza, fil-ktieb "Lands of Many Religions", London, 1934, 48-52, jippreżenta ritratti ta' din il-knisja u ta' dan l-għar, u jgħid li l-arkimandrita Neophytus kien qallu li qabel ma tqiegħed dan iċ-ċenotafju kien hemm għar li fih in-nisa kienu jmorru jixegħlu x-xemgħat ad unur ta' San Ġorġ. Darba minnhom wieħed Musulman kien ipprova jwaqqaf din id-drawwa, imma San Ġorġ darbu bil-lanza. Din hi r-raġuni ta' l-iskrizzjoni li hemm illum. Hemm bosta djar antiki abbandunati qrib il-knisja li għad għandhom sinjali Kristjani fuq il-blatiet tal-bibien tagħhom, kif inhi d-drawwa fil-Palestina, fejn bosta djar insara jġibu x-xbieha li bla dubju hi ta' San Ġorġ riekeb iż-żiemel u jisħaq id-dragun.

**Noel Muscat OFM**



# PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN FL-ART IMQADDSA

L-Arċisqof Pawl Cremona OP mexxa grupp ta' 168 pellegrin fl-Art Imqaddsa mit-30 ta' Marzu sas-7 ta' April. Il-pellegrinaġġ ġie organizzat minn P. Twanny Chircop OFM, Kummissarju għall-Art Imqaddsa f'Malta. Għalih ġew mistednin ukoll it-tliet Ministri Provinċjali Franġiskani, P. Pawl Galea OFM, P. Samuel Chetcuti OFMConv, u P. Joe Alessandro OFMCap. Il-pellegrini kienu maqsumin f'erba' gruppi, immexxijin mill-animaturi-gwidi Franġiskani P. Ġwann Abela, P. Twanny Chircop, P. Marcello Ghirlando u

P. Noel Muscat. Ix-xogħol loġistiku ta' organizazzjoni sar minn Tonio Farrugia. Il-pellegrinaġġ ġie ffilmjat minn Fr. Louis Mallia MSSP, Direttur taċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja (CAM) u Provinċjal tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li ġentilment ipprovda r-ritratti tifkira tal-pellegrinaġġ li qegħdin noffru f'din ir-rivista.

Il-pellegrinaġġ beda t-Tnejn 31 ta' Marzu f'Nazaret. Wara li l-gruppi żaru l-kumpless tal-Bażilika ta' l-Annunċjazzjoni, fl-10 am l-Arċisqof ippresieda l-Quddiesa fil-Bażilika superjuri ta' Nazaret. Waqt l-omelija-katekeżi tiegħu l-Arċisqof tkellem dwar il-valur ta' l-umanità ta' Kristu, li permezz tagħha aħna wkoll nifhmu kif l-umanità tagħna għandha vokazzjoni divina, għax isseħibna ma' l-istess misteru ta' l-imħabba ta' Alla. Tkellem dwar il-fidi u l-ubbidjenza ta' Marija, li f'Nazaret laqgħet il-Kelma fil-ġuf tagħha. Wara nofs in-nhar il-pellegrini żaru l-Għolja tat-Tabor, u s-santwarju tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, u mbagħad marru Haifa, jżuru s-santwarju tal-Verġni Marija tal-Karmelu.

It-Tlieta 1 ta' April kienet ġurnata ddedikata għas-santwarji fuq l-Għadira tal-Galilija. Il-ġurnata bdiet b'Quddiesa fis-santwarju-memorjal ta' San Pietru f'Kafarnahum. Fl-omelija l-Arċisqof tkellem fuq ir-rwol ta' Pietru u s-sens tal-Knisja, u dwar il-fatt li hu impossibbli li wieħed jgħid li jaf lil Kristu jekk ma jilqax ix-xhieda tal-Kelma tiegħu li ġiet trasmessa lilna fil-komunità tal-Knisja matul is-sekli sa minn żmien l-appostli. Wara l-Quddiesa l-pellegrini żaru l-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Kafarnahum, inkluża d-dar ta' Pietru u s-Sinagoga, u komplew iżuru s-santwarji tal-primat ta' Pietru u tat-tkattir tal-ħobż f'Tabgha, u s-santwarju tal-Beatitudni.



*Quddiesa fil-Bażilika ta' l-Annunċjazzjoni*



*P. Marcello jispjega fuq l-Għolja tat-Tabor*



*L-Arċisqof fil-memorjal ta' S. Pietru - Kafarnahum*

Imbagħad qasmu l-Għadira tal-Galilija biex ifakkru l-ġrajjiet evanġeliċi li fihom Ġesù kien jaqsam din l-għadira. Wara waqfa għall-ikel fil-kibbutz ta' Ein Gev, il-pellegrini komplew triqthom lejn iċ-ċentru battesimali ta' Yardenit, fejn marru jġeddu l-wegħdiet tal-magħmudija fix-xmara Ġordan. Il-ġurnata intemmet biż-żjara fis-santwarju ta' l-ewwel miraklu ta' Ġesù f'Kana, fejn il-koppji miżżewġa ġeddew il-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom.
L-Erbgħa 2 ta' April il-gruppi telqu minn Nazaret fi triqthom lejn il-Lhudija, billi niżlu mit-triq tal-wied tax-xmara Ġordan. Wara waqfa quddiem il-muntanja tal-Kwarantena (il-post tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù) u l-belt ta' Ġeriko, il-pellegrini marru lejn il-Baħar il-Mejjet, fejn setgħu jinżlu jgħumu f'dan il-baħar mielaħ fl-aktar post baxx fuq il-krosta tad-dinja (412 metri taħt il-livell tal-baħar). Wara l-ikel fil-kibbutz ta' Qalya huma żaru l-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Qumran, fejn instabu r-rotoli tal-Baħar il-Mejjet u l-fdalijiet tal-monasteru ta' l-Esseni (1947). Imbagħad komplew triqthom mid-deżert tal-Lhudija lejn Betanja, fejn l-Arċisqof iċċelebra l-Quddiesa fis-santwarju ta' Marta, Marija u Lazzru. Fl-omelija l-Arċisqof tkellem dwar il-ħbiberija ta' dawn l-aħwa ma' Ġesù, dwar is-sens ta' mħabba u akkoljenza li jikkaratterizza s-sejħa kristjana u l-fidi fil-qawmien mill-imwiet tal-Mulej, li tiegħu l-qawmien ta' Lazzru kien sinjal. Filgħaxija mbagħad il-pellegrini daħlu fil-belt ta' Betleħem, fejn għaddew il-lejl.
Il-Ħamis 3 ta' April filgħodu kmieni l-Arċisqof iċċelebra l-Quddiesa mat-tliet Ministri Provinċjali fuq l-altar tal-maxtura fil-Grotta tan-Nativitá f'Betleħem. Fit-8 am imbagħad iċċelebra l-Quddiesa lill-pellegrini fil-knisja Franġiskana ta' Santa Katerina,



*Fuq l-Għadira tal-Galilija*



*Tigdid tal-Magħmudija - Xmara Ġordan*



*Quddiesa fuq l-altar tal-maxtura - Betleħem*

li tmiss mal-Bażilika tan-Nativitá. Fl-omelija l-Arċisqof tkellem dwar il-misteru ta' l-inkarnazzjoni u d-dinjità tal-bniedem fil-persuna umana ta' Kristu li twieled fil-faqar ta' Betleħem. Wara l-Quddiesa l-pellegrini żaru l-Bażilika u l-Grotta tan-Nativitá, kif ukoll is-santwarju tal-Grotta tal-Ħalib u l-knisja tat-"Theotokos". Wara l-ikel marru jżuru s-santwarju ta' l-Għalqa tar-Ragħajja f'Beit Sahour, biex imbagħad telqu minn Betleħem lejn Ġerusalemm. Fis-6 pm il-pellegrini niżlu quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu għall-mument kulminanti tal-pellegrinaġġ, jiġifieri d-daħla solenni (ingress) ta' l-Arċisqof fil-Bażilika. L-Arċisqof, il-Ministri Provinċjali u l-pellegrini ġew milqugħin fil-bieb tal-Bażilika mis-superjur tal-komunità Franġiskana tas-Sepulkru, P. Vittorio Bosello. Waqt il-kant tat-"Te Deum" l-Arċisqof daħal quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, fejn sar diskors ta' merħba minn P. Noel Muscat, Diskriet Kustodjali, f'isem il-patri Kustodju ta' l-Art Imqaddsa. L-Arċisqof u l-pellegrini mbagħad daħlu jitolbu fuq il-qabar ta' Kristu.
Il-Ġimgħa 4 ta' April filgħodu kien iddedikat liż-żjara tas-santwarji fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Il-pellegrini żaru s-santwarju ta' Betfaġe, minn fejn il-Mulej beda l-mixja tiegħu lejn il-Belt Qaddisa nhar Ħadd il-Palm. Imbagħad telgħu fuq il-quċċata ta' l-Għolja taż-Żebbuġ, biex żaru s-santwarju ta' Tlugħ is-sema, bl-Edikola li llum tinsab f'żona ta' "waqf" Musulman, imma li hi miftuħa għall-insara. Komplew iż-żjara tagħhom fis-santwarju tal-Missierna (Eleona), fil-kripta li fiha l-Mulej għallem lill-appostli jitolbu. Komplew neżlin fis-santwarju tad-Dominus Flevit, fejn kellhom panorama u spjegazzjoni tal-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm. Fil-qiegħ tal-wied taċ-Ċedron żaru l-Għar ta' l-Appostli u



*Quddiesa fil-Bażilika tan-Nativitá*



*Daħla solenni ta' l-Arċisqof fil-Bażilika tal-Qabar*



*Daħla solenni ta' l-Arċisqof fil-Bażilika tal-Qabar*

l-Qabar tal-Verġni Marija. Il-mixja intemmet fil-Bażilika ta' l-Agunija fil-Ġetsemani, fejn waqt il-Quddiesa l-Arċisqof tkellem dwar is-sens tat-tbatija kristjana u dwar l-umiltà ta' Kristu fl-ubbidjenza tiegħu għar-rieda tal-Missier sal-mewt tas-salib. Wara nofs in-nhar il-pellegrini żaru ż-żewġ santwarji ta' Għajn Karem, dak ta' San Ġwann Battista u dak tal-Visitazzjoni tal-Verġni Marija. Filgħaxija, mbagħad, il-pellegrini reġgħu niżlu fil-Bażilika tal-Ġetsemani, fejn l-Arċisqof mexxa siegħa adorazzjoni quddiem il-blata ta' l-agunija ta' Ġesù.
Is-Sibt 5 ta' April filgħodu kmieni l-Arċisqof ippresieda l-Quddiesa konventwali quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, li għaliha ħadu sehem il-pellegrini kollha. Din kienet il-Quddiesa l-aktar solenni, bil-kant gregorjan tal-Franġiskani u d-daqq ta' l-orgni tal-Bażilika mill-organista kustodjali P. Armando Pierucci OFM. L-omelija ta' l-Arċisqof kienet katekeżi dwar it-tifsira kristjana tar-risurezzjoni. L-Arċisqof saħaq dwar il-fatt li s-salib ma kienx it-tmiem tal-missjoni ta' Kristu fid-dinja, imma li kien il-qawmien mill-imwiet li fetaħ lilna lkoll il-possibilità li nitwieldu mill-ġdid fix-xbieha ta' Kristu glorjuż. Wara l-Quddiesa l-pellegrini kellhom żjara ggwidata tal-kumpless tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u tal-Kalvarju. Fid-9.30 am l-Arċisqof, akkumpanjat mill-Kummissarju P. Twanny Chircop, għamel żjara ta' kortesija lill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, Mons. Michel Sabbah. Il-pellegrini mbagħad komplew iżuru l-kumpless ta' Sant'Anna, bil-knisja kruċjata u l-menqgħa ta' Betzata, is-santwarji tal-Flaġellazzjoni u Kundanna fil-kumpless ta' li "Studium Biblicum Franciscanum", u l-Via Dolorosa bid-diversi stazzjonijiet tal-"Via Crucis". Wara nofsinhar



*L-Arċisqof fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu*



*Tigdid tal-Magħmudija - Xmara Ġordan*



*Quddiesa fl-Edikola tal-Qabar ta' Kristu*

il-pellegrini żaru l-Għolja ta' Sijon. Huma marru l-ewwel fiċ-Ċenaklu, fejn ingħataw tagħrif dwar il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, li twieldet eżattament fiċ-Ċenaklu fl-1335, meta dan inxtara mir-re Roberto d'Anjou ta' Napli u martu Sancia de Maiorca, u ngħata lill-Franġiskani, li fl-1342 il-Papa Klement VI ħatarhom "Kustodji" tal-Postijiet Qaddisa f'isem il-Knisja Kattolika. Wara li żaru u talbu fis-santwarju tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija, maġenb iċ-Ċenaklu, l-pellegrini marru jaraw il-Ħajt tal-Punent, fejn il-Lhud imorru jitolbu. Huma setgħu jaraw lil-Lhud jitolbu waqt ix-"Shabbat" tagħhom. Fil-5.30 pm l-Arċisqof u l-pellegrini marru fil-kunvent Franġiskan ta' San Salvatur, fejn kellhom laqgħa mal-Vigarju Kustodjali ta' l-Art Imqaddsa P. Artemio Vítores OFM. Fi tmiem il-laqgħa P. Twanny offra lil P. Artemio offerta ta' €2000 għall-proġetti ta' karità tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. P. Artemio rregala lill-Arċisqof u lill-Provinċjali bi ktieb kommemorattiv taż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Art Imqaddsa fis-sena 2000.
Il-Ħadd 6 ta' April filgħodu l-pellegrini marru jżuru s-santwarju tal-Manifestazzjoni tal-Mulej Ġesù Irxuxtat f'Għemmaws el-Qubeibeh. L-Arċisqof iċċelebra l-Quddiesa li fiha għamel omelija-katekeżi dwar it-tema ta' l-akklamazzjoni ewkaristika wara l-konsagrazzjoni: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej; inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek; nistennewk sa ma tiġi fil-glorja". L-Arċisqof qal li, nhar Ħamis ix-Xirka, Kristu waqqaf l-Ewkaristija bħala tifkira tal-passjoni tiegħu. F'Għemmaws Kristu wera lilu nnifsu lid-dixxipli fil-qsim tal-ħobż bħala l-Mulej irxuxtat. Fil-Quddiesa tal-Ħadd Ġesù għadu juri lilu nnifsu lill-Knisja li tinġabar għall-



*P. Artemio u l-Arċisqof f'San Salvatur*



*Il-Pellegrini fil-Kunvent Franġiskan, San Salvatur*



*Il-Pellegrini fil-Kunvent Franġiskan, San Salvatur*

qsim tal-ħobż bħall-ewwel insara ta' Ġerusalemm, fl-istennija tat-tieni miġja tiegħu fil-glorja. Fi tmiem il-Quddiesa P. Twanny irringrazzja lill-Arċisqof tal-presenza u t-tagħlim tiegħu pastorali waqt il-pellegrinaġġ. Ir-rikonoxxenza tal-pellegrini dehret spontanja għax l-Arċisqof ingħatatlu "standing ovation" twila ħafna minn dawk kollha li kienu preżenti. P. Twanny irringrazzja lill-Provinċjali, lil kull min ħa sehem, u lil dawk li għenuh fl-organizazzjoni tal-pellegrinaġġ, u offra rigal tal-madreperla lill-Arċisqof. Wara nofs in-nhar il-pellegrini kellhom ħin liberu, imma l-Arċisqof u l-Provinċjali kienu impenjati f'laqgħa mar-reliġjużi Maltin kollha li jaħdmu fl-Art Imqaddsa għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fil-kunvent ta' San Salvatur. L-Arċisqof baqa' impressjonat bil-ħidma tar-reliġjużi irġiel u nisa. Fost is-sorijiet preżenti hemm min ilu jgħix fl-Art Imqaddsa sa mill-1945. Filgħaxija, imbagħad, l-Arċisqof, il-Provinċjali u l-animaturi-gwidi kienu mistiedna għall-ikel mal-komunità Franġiskana tal-kunvent ta' San Salvatur, fejn l-Arċisqof ġie milqugħ mill-Patri Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, P. Pierbattista Pizzaballa OFM.
Il-pellegrinaġġ djoċesan intemm it-Tnejn 7 ta' April, meta l-Arċisqof u l-pellegrini waslu lura Malta.
It-Tlieta 8 ta' April, l-Arċisqof, akkumpanjat minn P. Twanny, għamel konferenza stampa li fiha tkellem dwar l-esperjenza spiritwali tal-pellegrinaġġ u dwar il-ħidma li jwettqu l-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Hu ttamat li fil-ġejjieni jiġi organizzat pellegrinaġġ ieħor lejn l-Art Imqaddsa fuq skala djoċesana, din id-darba għaż-żgħażagħ.

**Noel Muscat OFM**



*Fit-toroq ta' Ġerusalemm*



*Ringrazzjament lill-Arċisqof tal-presenza...*



*... u t-tagħlim pastorali waqt il-pellegrinaġġ*

# IL-BIBBJA f'idejna

Marcello Ghirlando OFM




- Il-Ktieb ta' Eżekjel
- Il-Ktieb ta' Iżaija
- Il-Ktieb ta' Danjel




# IL-KTIEB TAL-PROFETA EŻEKJEL

## Ktieb it-Tama

Meta naqbdu f'idejna l-Ktieb tal-Profeta Eżekjel nindunaw li f'idejna għandna kitba kumplessa imma rikka ħafna fl-istess ħin. Kitba profonda li titrasmetti l-esperjenza ħajja u vera ta' profeta li għex f'wieħed mill-mumenti l-aktar suġġestivi ta' istorja tal-poplu l-magħżul. Esperjenza ħajja li kienet u għadha sinjal ta' tama għal kull min jersaq jaqra dan il-Ktieb mimli tama li jisħaq fuq il-ħidma sħiħa ta' l-ispirtu ta' Alla fuq il-poplu tiegħu u fuq l-individwi, kollha mogħnija bir-responsabilita' li jagħtu tweġiba posittiva għal din l-istess ħidma ta' Alla fihom.

## Min kien Eżekjel?

Jidher li l-Profeta Eżekjel huwa kontemporanju tal-waqgħa tal-Belt ta' Ġerusalemm fis-sena 587 qabel Kristu. Huwa jaqdi l-ħidma tiegħu qalb il-Lhud eżiljati, f'xatt ix-xmara Kebar; hu kien wieħed minn 8, 000 ruħ li ġew deportati fl-eżilju, parti mill-Lhud li kienu vittmi ta' l-ewwel deportazzjoni. Hu kien qassis fit-Tempju ta' Ġerusalem; kien miżżewweġ u martu mititlu meta kienu fl-eżilju (24, 16). Quddiemu kellu r-realta' iebsa tat-tbatija u ta' l-infedeltà tal-poplu tiegħu, il-ġrajjiet kollha marbuta ma' l-assedju ta' Ġerusalemm u l-eżilju progressiv tal-poplu tiegħu u ta' dak kollu li l-esperjenza ta' l-eżilju ġabet magħha. L-eqqel tal-ħidma tiegħu saret bejn is-snin 593 u 586 qabel Kristu, matul is-saltna ta' Sedekija f'Ġuda u l-waqa' ta' Ġerusalemm, bit-tieni deportazzjoni tal-Lhud fl-eżilju.

Jidher ukoll li ċerti orakli tal-Profeta Eżekjel għandhom ukoll data preċiża: nieħdu bħala eżempju l-viżjoni li l-profeta kellu tad-dnubiet ta' Ġerusalemm isseħħ "fis-sitt sena, tal-ħames jum tas-sitt xahar" (8, 1) ta'l-eżilju tas-Sultan Ġeħojakin (592 qabel Kristu) u l-viżjoni tal-borma tagħli (24, 1) isseħħ "fid-disa' sena, fl-għaxra ta' l-għaxar xahar" tas-sena 589 qabel Kristu, is-sena ta' meta beda l-assedju kontra l-Belt ta' Ġerusalemm.

Eżekjel huwa profeta li ħadem fi żmien storiku preċiż: il-qassis-profeta li kien wieħed mill-ewwel eżiljati fil-Babilonja, ikompli l-missjoni tiegħu fuq il-linji ta' profeta kbir ieħor: Ġeremija. Bħalu jeħodha kontra Sedekija li ried jirvella kontra l-ħakma ta' Nabukodonosor. Eżekjel għalhekk ikkundanna l-imġiba ħażina tal-



kbarat Lhud ta' Ġerusalemm: ikkundanna l-ambizzjoni politika sfrenata tagħhom. Bħall-profeti l-oħra sejħilhom għall-fedeltà lejn il-Patt u l-Liġi ta' Mosè, minkejja d-diffikultajiet kbar li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom f'dan iż-żmien storiku mqalleb.

## Il-Ktieb

Meta wieħed jieħu f'idejh il-Ktieb tal-Profeta Eżekjel jinduna li, minkejja l-libertà fl-ordni tal-kitba, li forsi huma frott ir-redazzjoni letterarja tal-Ktieb mid-dixxipli ta' Eżekjel, din tista' tinqasam b'mod sempliċi. Il-Profeta jirrakkonta l-ġrajja tas-sejħa tiegħu (1, 1 – 3, 21); ikompli b'sensiela ta' orakli li jħabbru l-ġudizzju fuq il-Belt ta' Ġerusalem (3, 22- 24, 27); is-sensiela tal-kastigi fuq il-ġnus (25 – 32) u l-kitba li tixhed għat-tama tat-tiġdid tal-poplu l-magħżul (33 – 37). Il-Ktieb imbagħad jagħlaq b'ħarsa lejn il-futur: ir-rebħa tal-poplu quddiem l-għedewwa tiegħu (38-39) u d-dehra tal-muntanja li fuqha kellha tinbena Ġerusalemm il-ġdida, il-belt tal-poplu mġedded.

Meta wieħed iqalleb bir-reqqa dawn il-paġni, jinduna malajr li Eżekjel kien qassis u, minkejja li ħadem fl-eżilju fil-Babilonja, huwa żamm il-mentalità saċerdotali tiegħu, mentalità imlaqqma fil-liturġiji, il-kult u l-preċetti marbuta mat-Tempju ta' Ġerusalemm…sakemm Alla daħal b'qawwa fil-ħajja tiegħu: messu bl-esperjenza tal-Glorja Tiegħu, u minn qassis għamlu wkoll profeta; u mexxih matul il-ġrajjiet tal-waqgħa ta' Ġerusalemm biex, minn predikatur ta' kundanna, biddlu radikalment f'ħabbâr tat-tama.

Il-kitba tiegħu hija ġojjell u ġabra ta' karatteristiċi letterarji differenti: insibu numru kbir ta' viżjonijiet ġejjin minn Alla u espressjonijiet ċari li juru li Eżekjel kien imnebbaħ kontinwament minn Alla biex jitkellem, jiskot, igħaddi messaġġi b'azzjonijiet simboliċi; kitba kkulurita u simbolika ta' stil apokalittiku (kitba li bħala nsibu fil-Ktieb ta' Danjel u fl-Apokalissi ta' San Ġwann) biex juri lill-poplu l-rivelazzjonijiet ta' Alla; il-viżjonijiet allegoriċi, li fosthom dik ta' l-għadam mejjet li jerġa' jieħu l-ħajja hija l-aktar waħda klassika (ara: 37, 1-14).

## X'qal Eżekjel

Meta nqallbu l-paġni tal-Profeta Eżekejl

**Għar-riflessjoni:**
Eżekjel 2, 1-10
Eżekjel 16, 8-34
Eżekjel 18, 4-20
Eżekjel 37, 1-14

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Eżekjel 18, 5-9
Eżekjel 36, 24-28

nindunaw kemm tassew jitlaqqam fil-moviment profetiku kollu, speċjalment fil-moviment tal-profeti l-kbar bħalma kienu Iżaija u Ġeremija. Kliemu huma sejħa kontinwa biex il-poplu ikun tassew il-poplu l-magħżul fil-għajxien kontinwu tal-Patt u tal-Liġi. Bħall-profeti jikkundanna l-adulterju ta' l-infedeltà lejn il-Patt u jġib quddiem għajnejn il-poplu t-theddida tal-kastig.

Hija interessanti ħafna l-esperjenza profonda li Eżekjel għandu ta' Alla: il-glorja ta' Alla tidħol b' qawwa tremenda fil-ħajja tiegħu (1, 28; 3, 23; 8, 4; 43, 2). Din l-esperjenza tixbah ħafna dik li nsibu fil-Ktieb tal-Profeta Iżaija (6, 3). Hu għalhekk li nistgħu ngħidu li Eżekejel iħares lejn Alla fl-għoli tal-kobor tiegħu, Alla huwa fuq kollox u fuq kulħadd u dak kollu li joħroġ minn fommu jseħħ. Alla hu 'Qaddis", qaddis huwa Ismu glorjuż…Isem li jiġi mżeblaħ bl-infedeltà tal-poplu!

Hija l-infedeltà tal-poplu li tant tkidd lill-Profeta Eżekjel: u hu proprju għalhekk li huwa jikkundanna b'qawwa l-idolatrija tal-poplu (14, 1-8), idolatrija li tmiss anke l-qdusija stess tat-Tempju ta' Ġerusalemm, idolatrija li tiġi espressa bil-formularji ta' l-istqarrija tal-ħtijiet li kienu jintużaw fit-Tempju (18, 5-9; 22, 3-12.23-30). Huwa l-adulterju ta' dik li Alla ħabb sa minn twelidha! (16, 8-34). Eżekjel jikkundanna l-infedeltà, il-profanazzjoni tat-Tempju, l-ebusija tar-ras tal-poplu u ta' l-ingratitudni tagħhom lejn Alla l-ħaj.

Hu lejn dan il-poplu Eżekjel iwassal il-qawwa tremenda tal-Kelma ta' Alla, hu li ġie magħżul bħala l-"għassies ta' Iżrael". Iħabbar il-kastig lil min hu infidil, u minkejja dak li kien jingħad f'Iżrael, "min jidneb imut hu…la missieru u lanqas ibnu": kulħadd huwa responsabbli ta' l-aġir tiegħu quddiem Alla (ara: 18, 4-20). U l-profeta għandu wkoll ir-responsabilità kbira li jxandar din il-kelma…Alla jitlob kont ta' dak li l-profeta ma jwiddibx u b'konsegwenza jintilef (3, 18). B'hekk jagħti tagħlima kif tmiss il-liġi lill-eżiljati li kienu jaħsbu li qed jiskuntaw il-kastig tal-ħażen ta' missirijiethom!

L-isbaħ kelma ta' Eżekjel hija l-kelma tiegħu li tnissel tama ġdida: isejjaħ għall-konverżjoni iva, konverżjoni li kellha twassal għal qawmien ġdid tal-poplu. Qawmien imma li kellu jkun biss frott l-imħabba u l-fedeltà ta' Alla lejn il-poplu l-maħbub tiegħu (37, 1-14). U jekk il-qawmien ġdid kellu jkun ġej minn Alla, allura kellu jkun frott il-qawwa ta' l-ispirtu tiegħu, spirtu li jagħti qalb ġdida u ruħ ġdida lill-poplu l-magħżul. Poplu mġedded li jkun jistħoqqlu jidħol f' Ġerusalemm il-ġdida, fit-Tempju l-ġdid, postijiet li joħloq Alla biex il-poplu jqimu fil-verità u s-sinċerità.

U f'dan il-futur li jgħaddi minn moħħ il-profeta, għandna ħjiel taż-żminijiet tal-Messija, żmien ir-Ragħaj veru u David il-ġdid (34, 213), iż-żmien il-ġdid li fih il-poplu kellu jqim lill-Missier "fl-ispirtu u l-verità! (Ġwanni 10, 11).

*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 74-75;
SPITERI D., Il-Ktieb tal-Profeta Għamos, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 219-223.

Punti għad-diskussjoni:

1. Kif ħadem Alla fil-ħajja ta' Eżekjel?
2. Il-profeta: ħabbar ta' kundanna jew tama?
3. Tgħidlek xi ħaġa l-insistenza ta' Eżekjel fuq ir-responabilita' personali quddiem Alla?
4. Kemm kien realistiku l-Profeta li fil-futur lemaħ poplu imġedded mill-ispirtu t'Alla?



# IL-KTIEB TAL-PROFETA IŻAIJA

## Orakli Messjaniċi

Meta naqbdu f'idejna l-Ktieb tal-Profeta Eżekjel nindunaw li huwa l-itwal Ktieb ta' l-Iskrittura li fih hemm diversi ġabriet ta' tliet awturi ewlenin li għexu fi tliet żminijiet differenti, kollha taħt l-isem tal-Profeta Iżaija li għex fi żmien storiku preċiż. Tiegħu huma l-kapitli 1-12; 13-23 u 28 – 33. Bin Sirak (48, 24-25) jitkellem minn awtur wieħed, imma meta nieħdu l-Ktieb f'idejna, fil-kapitlu 40, nindunaw li mill-perijodu storiku tat-VIII seklu, f'daqqa waħda nsibu ruħna fis-VI seklu, il-perjodu ta' l-eżilju, fejn l-awtur jitkellem minn Ċiru, is-sultan tal-Persjani li jibgħat lura lill-eżiljati fl-Art Imqaddsa. Il-kapitli 24-27 jissejħu 'L-Apokalissi ta' Iżaija' jidher ukoll li huma ta' awtur ieħor, kif ukoll il-kapitli 34-39.

Meta wieħed jiftaħ dan il-ktieb irid iżomm dan kollu quddiem għajnejh. F'idejna għandna komposizzjoni ta' Ktieb: b'kapitli li kienu ħarġu mill-pinna stess ta' Iżaija u li fihom insibu anke bosta partijiet awtobijografiċi, u kapitli oħra li nkitbu mid-dixxipli tiegħu fi żmien li ġie wara. L-orakli profetiċi huma miġbura skond skema li nsibu kemm f'Ġeremija kif ukoll f'Eżekjel għalix insibu orakli profetiċi ta' ġudizzju fuq Ożrael, orakli profetiċi li jħabbru d-disgrazzji fuq il-ġnus u anke orakli profetiċi ta' tama u fidwa mogħtija lill-poplu l-magħżul.

## Min kien Iżaija?

Iżaija ġie msejjaħ minn Alla meta kien għadu żagħżugħ. Kienet is-sena 740 qabel Kristu u l-profeta ħadem għal erbgħin sena sħaħ fi żmien is-slaten Għużżija, Aħaż u Ħeżekija, slaten ta' Ġuda (1, 1). Fi żmien Għużżija, Iżaija seta' jara l-prosperità tikber għal ftit u l-faqar u l-miżerja għal ħafna mill-poplu. U quddiem din ir-realtà ma setax jibqa' sieket.

Fi żmien Aħaż, Iżaija jidħol anke fil-kamp politiku : quddiem it-theddida ta' l-Assirja, Aħaż, Sultan ta' Ġuda, jippreferi jbaxxi rasu lejn din il-qawwa, qawwa li fis-sena 722 teqred is-Saltna ta' Iżrael. Fis-sena 716 Ħeżekija jsir sultan u juri mġiba favur l-Eġittu: Iżaija jeħodha kontrih u jsejjaħ lill-poplu biex ikun fidil lejn Alla aktar milli jinġarr mill-opportuniżmu politiku. Fil-qawwa Assira huwa ra daqqa il-bastun tal-korla ta' Alla u, f'mumenti oħra, għadu arroganti li ma setax ma jibqa' bla kastig. Fis-sena 701, il-ġrajja ta' l-armata

ta' Sennakerib li tiritira milli tassedja lil Ġerusalemm tħabbret mill-profeta.

Minkejja li spiss il-profeta ġie mgħoddi biż-żmien u l-kbarat ma semgħux minnu, huwa baqa' fidil lejn is-sejħa li Alla kien għamillu (6,1, 13). Il-karattersitiċi fondamentali tal-profeta baqgħu jispikkaw f'kitbietu u fit-tifkira tiegħu: awtorità, nobiltà, fidi f'Alla u kompassjoni kbira għall-poplu tiegħu.

Meta wieħed iżomm quddiem għajnejh il-kapitli li huma proprji tal-Profeta Iżaija jinduna li huwa dejjem jitkellem f'sitwazzjonijiet storiċi preċiżi u għal każijiet speċifiċi. Fihom huwa ħass li kellu jwassal id-dawl divin u l-messaġġ ta' Dak li kien sejjaħlu. Għal Iżaija Alla huwa 'il-Qaddis". Huwa 'Qaddis ta' Iżrael", jiġifieri Alla, iva, imma Alla marbut b'mod intimu mal-poplu tiegħu. Huwa Alla l-Qaddis li ma jittollerax dak li mhux qaddis fil-poplu tiegħu, kemm fuq pjan reliġjuż, l-idolatrija, kif ukoll fuq pjan politiku, l-opportuniżmu, il-fiduċja fl-armi u fil-vjolenza.

Dan Alla l-Qaddis jaħdem fl-istorja u jitlob l-kollaborazzjoni tal-bniedem: din hija l-fidi u l-fiduċja li spiss jitkellem minna



Iżaija, fidi u fiduċja sħiha f'Alla, fidi u fiduċja li jitrawmu bil-kalma u fl-umiltà. Alla l-Qaddis jaħdem fl-istorja: b'mod partikulari fl-istorja tal-poplu l-magħżul, permezz tad-dar ta' David. Minn din id-dar għad irid joħroġ is-sultan ideali, il-Messija imwiegħed. Hija dar li hija mwaqqfa fil-Belt il-Qaddisa, Ġerusalemm, il-qalb tal-poplu u ċ-ċentru tad-dinja fejn għad jitilgħu l-ġnus kollha (2, 1-6).

Fil-fatt, David u Ġerusalemm huma żewġ temi ewlenin li jitħaddet fuqhom il-Profeta Iżaija. Huma temi li d-dixxipli tiegħu żammew ħajjin skond iċ-ċirkostanzi storiċi ġodda li kellhom jaffrontaw. Fil-fatt, il-messjaniżmu u r-rwol ċentrali u universali ta' Ħersualem jibgħu t-temi bażiċi tat-Tieni Iżaija (kapitli 40-55) u tat-Tielet Iżaija (kapitli 56-66).

## It-Tieni Iżaija

Kif diġà għidna, mal-kapitlu 40 s-sitwazzjoni storika hija bil-wisq differenti minn dik ta' l-ewwel: qegħdin fi żmien l-espansjoni u r-rebħa tal-Persjani fuq il-Babiloniżi. Ċiru jirbaħ u jidħol f'Babel fis-sena 539 qabel Kristu; għat-Tieni Iżaija dan kollu huwa frott ta' Alla, Sid u Mexxej ta' l-istorja universali, li f'ismu l-profeta jitkellem (48, 16). Hu għalhekk li dan iħabbar il-ħelsien u r-ritorn lejn l-Art Imqaddsa wara snin ta' eżilju (587-538 qabel Kristu). Għat-Tieni Iżaija dan ir-ritorn huwa l-għaxien ta' esodu ġdid, eżodu li huwa frott Alla Feddej u Ħellies li jwaqqaf is-saltna universali tiegħu f'din id-dinja.. Hija saltna li titwaqqaf u tinxtered mill-Belt ta' Ġerusalemm, belt li kellha tgawdi minn restawrazzjoni glorjuża.

Hu proprju għalhekk li dan il-profeta iħabbar li Alla Ħallieq uniku u etern, ma kienx abbanduna lill-poplu tiegħu; Hu Alla fidil u li jibqa' hekk, minkejja d-dnubiet tal-poplu tiegħu, id-dnubiet li tagħhom il-poplu kien sofra l-kastig. Alla tal-Patt huwa biss Alla veru, Alla Ħellies li jmexxi l-istorja tal-bnedmin kollha (40-48). Huwa Alla

ta' Abraham, Ġakobb, Ġuda u David, Alla tal-wegħdiet li ma jonqos qatt għall-kelma eterna tiegħu. Huwa Alla tal-ġustizzja, Alla tal-ħniena u tal-fedeltà, li jifdi u jfarraġ il-poplu tiegħu, Alla li hu ta' min iroddlu ħajr, ifaħħru, ifittxu bil-qalb u jisma' l-kelma tiegħu.

It-Tieni Iżaija jkompli billi juri li l-esperjenza personali tiegħu kellha tkun mera ta' l-esperjenza tagħhom (49-55): minkejja l-persekuzzjoni, kellhom jiġu mfarrġa u mifdija. Ir-restawrazzjoni ta' Sijon kellha tikkonsisti f'relazzjoni ġdida ta' mħabba bejn Alla u l-poplu tiegħu – Ġerusalemm mhijiex aktar armla, mhijiex aktar sterili u kellha titbiegħed mid-dnub qerriedi ta' l-infedeltà. Mhux biss: il-ġnus kollha għad iduru lejn Alla, Feddej u Mexxej ta' l-istorja. Għad jistagħġbu bil-fidwa li Hu jagħti, imdawlin u mibdulin mill-qaddej veru ta' Alla, xhud awtentiku tal-fidi quddiem id-dinja.

Fil-fatt, huwa proprju f'dawn il-kapitli fejn insibu l-Għanjiet tal-Qaddej tal-Mulej u d-diversi refernezi għal dan 'il-Qaddej'. Min kien dan? Għandna riferiment għal Iżrael flimkien, għal Iżrael f'parti mill-poplu, l-istess profeta jew is-sultan persjan Ċiru?

Jista' jkun Iżrael, li wara l-ħelsien mill-Eġittu, fil-fatt sar qaddej ta' Alla, qaddej maħbub li jirċievi r-rivelazzjonijiet ta' Alla (41, 8-16). Jista' jkun Iżrael li jisma' l-kelma tal-profeta , 'il-fdal'. Il-fdal li kellu jkun bħall-ħmira fost il-Lhud u jkollu r-rwol li jkun dawl għall-ġnus (49, 5-6). Il-qaddej imsemmi seta' kien l-istess Tieni Iżaija: minkejja t-tbatija kellu jkun faraħ għall-poplu tiegħu u, minkejja kull diffikultà, sinjal tal-fidi f'Alla (50, 4-11). Jista' jkun ukoll Ċiru, li jwettaq dak li jrid Alla li Ġerusalemm tinbena mill-ġdid (44, 26-28).

Dawn l-interpretazzjonijiet jibqgħu dejjem limitati għax ħadd minnhom li jidħol fil-kategorija tal-Qaddej, ma jwettaq fil-fatt bis-sħiħ ir-rwol universali li fuqu jitkellem il-profeta. Hu proprju għalhekk li l-awturi tal-Ġdid Testment applikawhom għall-Mulej Ġesu' fil-misteru tal-mewt sagrifikali tiegħu (53, 10) u l-qawmien tiegħu (53, 9-12).

## It-Tielet Iżaija

Iżaija 56-66 jidher li huwa differenti minn dak li qrajna qabel u ħafna jżommu li dawn il-kapitli huma ta' profeta/awtur ieħor li kien ġie ispirat minn dak li nkiteb mit-Tieni Iżaija. Għalhekk jissejjaħ it-Tielet Iżaija, anke jekk mhux il-vrus kollha ta' dawn il-kapitli jiġu attribwiti lill-istess awtur.

Jidher li t-Tielet Iżaija ħadem bejn is-snin 537-520 qabel Kristu. Huwa żmien ir-ritorn ta' l-ewwel grupp ta' eżiljati, meta tqiegħdu l-pedamenti tat-Tempju u fi żmien il-qassis Ġożwe' u Żorobabel. Fost il-poplu f'Ġerusalemm kien hemm Lhud li ma kinux marru fl-eżilju: mhux kollha kienu reliġjużi u ma ridux jagħtu lura l-proprjeta' li kienu ħadu lil dawk li kienu ġew lura minn Babel, fosthom numru konsiderevoli ta' qassisin li bdew isibuha diffiċli biex jerġgħu jibdew il-ħajja f'arthom. Kien hemm ukoll ħafna barranin li ġew lura mal-Lhud biex igħinuhom; kien hemm min kien qed jistaqsi x'kellha tkun ir-relazzjoni ta' dawn mal-Lhud. Jissemmew ukoll il-Lhud li baqgħu jgħixu barra l-Art Imqaddsa u li dejjem stennewhom jiġu lura.

Minn dawn kollha li jissemmew il-profeta jħabbar il-ħtieġa ta' l-għaqda fil-fidi. U dan minkejja n-nuqqas ta' tama li kien qed iġġib id-dewmien fil-bini ta' Ġerusalemm mill-ġdid u tat-Tempju;

**Għar-riflessjoni:**
Iżaija 6,1-13
Iżaija 26, 1-21
Iżaija 45, 1-19
Iżaija 61, 1-11

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Iżaija 2, 1-6
Iżaija 42, 1-9

l-idolatrija li kienet tidher fis-sagrifiċċji umani, il-prostituzzjoni sagra, l-ispiritiżmu, l-użu kultwali ta' bhejjem impuri, il-qima ta' allat foloz; il-mibegħda li kienet tidher fl-isfruttar tal-proxxmu, bil-ġustizzja korrotta, fit-tmexxija inkompetenti, fin-nuqqas ta' fiduċja fil-barranin. F'dan kollu Iżaija iħabbar iva, it-tama; imma jitlob li l-poplu jitbiegħed mid-dnub, ikun fidil lejn il-Patt u lejn dak li Alla, f'dak il-mument storiku, kien qed jitlob minnu.

F'dan kollu tispikka l-wegħda sabiħa li jagħmel it-Tielet Iżaija: Alla kellu joħloq art ġdida u smewwiet ġodda (65, 17), kellu joħloq it-tifħir fil-qlub li jduru lejh (57, 19) u Ġerusalemm ġdida (65,18). U dan Alla seta' jagħmlu għax huwa Ħallieq ta' kollox u ta' kulħadd u li jsejjaħ lejH lil kulħadd (56, 7; 66, 18) permezz tal-poplu l-magħżul tiegħu (63, 11-12; 65, 9). B'hekk Iżrael issa għandu wkoll missjoni universali, il-missjoni li juri lid-dinja il-wiċċ patern u matern ta' Alla, ta' Alla kollu ħniena u maħfra, ta' Alla kollu ġustizzja li għad irid ukoll jagħmel ħaqq mid-dinja (66, 16.24).

Quddiem dan Alla l-bniedem huwa mistieden li jieħu posizzjoni: jew jilqgħu jew jirrifjutah. U meta jilqgħu, iġib ruħu skond il-fidi tiegħu.

Mal-Ktieb tas-Salmi, il-Ktieb tal-Profeta Iżaija huwa l-aktar Ktieb ikkwotat, direttament jew indirettament, fil-Ġdid Testment (ara per eżempju: Mt 1, 22-23; Iż 6, 10 - Mt 13, 14; Mk 4, 12; Iż 29, 13 – Mt 15, 8; Iz 13, 10 – Mt 24, 29 u r-rakkonti tal-passjoni li jiftiehmu aħjar fid-dawl ta' l-Għanjiet tal-Qaddej Sofferenti ta' Alla.

*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 66-68;

SPITERI D., Il-Ktieb tal-Profeta Iżaija, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 206-210.



Punti għad-diskussjoni:

1. Il-vokazzjoni ta' Iżaija (6, 1-13): x'taħseb?
2. Kemm tidher il-fedelta' ta' Alla lejn il-poplu f'dan il-Ktieb?
3. Alla jfarraġ il-poplu tiegħu: veru?
4. Min hu l-Qaddej ta' Alla f'Iżaija?




# IL-KTIEB TA' DANJEL

## Ir-Rebħa ta' Alla

Meta naqbdu f'idejna l-Ktieb ta' Danjel (isem li jfisser 'Alla hu l-Imħallef tiegħi') nindunaw li dan huwa ktieb uniku fl-Antik Testment: fil-Kanone tal-Kotba Mqaddsa Lhud jitqiegħed wara dak ta' Ester u qabel dak ta' Esdra; il-Bibbja Griega qiegħdet lil dan il-ktieb wara Eżekjel, fis-sensiela tal-Kotba profetiċi. Tajjeb li nkunu nafu wkoll li l-Ktieb ta' Danjel inkiteb biċċa bl-Aramajk u bil-Lhudi. Fit-traduzzjoni Griega tas-Sebgħin (LXX) insibu xi żjidiet li mhumiex fit-test Lhudi: It-Talba ta' Għażarijżaz u l-Għanja tat-Tliet Żgħażagħ (3, 24-90), l-Istorja ta' Susanna (13) u l-istejjer ta' l-Idolu Bel u tad-Dragun (14). Zjidiet li ġew aċċettati bħala ispirati mill-Knisja Nisranija.

Il-Ktieb kif inhu llum jagħtina l-impressjoni li huwa l-opra ta' awtur li għex fi żmien l-eżilju tal-Lhud f'Babilonja. Żmien ta' kriżi u persekuzzjoni. L-istudju wriena li fil-fatt, il-persekuzzjoni li l-Lhud kienu għaddejjin minnha, hija dik li sofrew taħt idejn Antijoku Epifani li ried jimponi l-kultura ellenistika fuq il-Lhud fl-Art Imqaddsa bejn is-snin 175-164 qabel Kristu. Iż-żmien huwa dak ta' l-irvell tal-Makkabin. Il-kitba, imlaqqma fit-tama ta' ħelsien u anke fit-tama fil-qawmien minn bejn l-imwiet tixhed għad-diskussjonijiet duttrinali Lhud proprju ta' dan iż-żmien li aħna qegħdin nindikaw. Hu għalhekk li Danjel ma jissemmiex fil-Ktieb ta' Bin Sirak bħala wieħed mill-profeti, imma jissemma fl-1 Ktieb tal-Makkabin (1 Makk 54 – Dan 9, 27 u 11, 37). Min kiteb dal-Ktieb kellu quddiem għajnejh il-profanazzjoni tat-Tempju tas-sena 167 u l-qtil tal-Lhud li ried jibqgħu fidili lejn il-Liġi ta' Mosè, l-irvell tal-Makkabin u anke l-purifikazzjoni tat-Tempju fis-sena 164 qabel Kristu. Hemm min jindika is-sena 164 bħala s-sena li fiha inkiteb dan il-Ktieb ta' Danjel. Huwa ċert li l-awtur kellu quddiemu l-persekuzzjoni ta' dan iż-żmien u rakkonti oħra li kienu eqdem u li kienu ġejjin mit-tradizzjoni ħajja tal-Lhud li kienu għexu f'Babilonja: għaġinhom flimkien biex joħloq din l-opra li biha ried li jagħti kelma ta' tħeġġiġa u ta' tama biex il-poplu jibqa' fidili u jirreżisti saħansitra sal-mewt! U dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, huwa Alla stess li jmexxi l-istorja tal-bnedmin; hu jinqeda bl-imperi l-kbar għall-ħsibijiet ta' moħħu. Imma fl-aħħar ir-rebħa dejjem tkun tiegħu!

## Kitba kulurita

L-awtur sagru ta' dan il-Ktieb ta' Danjel



jinqeda b'żewġ forom letterarji popolari fost il-Lhud biex iwassal il-messaġġ tiegħu: ir-rakkont li jinkiteb biex jgħallem u l-letteratura apokalittika.

Bir-rakkonti marbuta ma' Danjel, l-awtur sagru ried jagħti tagħlima u eżempju ħaj lill-qarrejja tiegħu li f'dak il-mument preċiż li kien qiegħed jikteb kienu jinħtieġu kelma ta' edifkazzjoni u ta' tama fit-tiġrib. Quddiem l-isfida ta' l-elleniżmu pagan, il-qarrejja setgħu jitgħallmu ħafna mill-eżempju ta' fedeltà ta' Danjel u sħabu. Il-ġrajjiet marbuta ma' ħajjithom isiru xempju għal-Lhud kollha li kienu qed jikkumbattu biex jiddefendu l-identità reliġjuża u nazzjonali tagħhom.

L-awtur sagru jinqeda wkoll b'dik li tissejjaħ letteratura apokalittika (kapitli 7-12). Il-kelma apokalittika tfisser 'rivelazzjoni'. B'dan il-mod tassew kkulurit ta' kitba, li mhux dejjem faċli tinterpretah, l-awtur sagru jinqeda b'viżjonijiet, ħolm, il-figuri ta' bhejjem, kuluri differenti biex jispjega epoka storika preċiża, epoka li fiha iħoss il-bżonn li jgħaddi messaġġ, messaġġ divin, messaġġ ta' tama u kuraġġ. Dan l-istil jilħaq l-eżempju klassiku tiegħu fl-Iskrittura fl-aħħar ktieb tal-Bibbja: L-Apokalissi ta' San Ġwann.

## L-ideat prinċipali tal-Ktieb

L-awtur sagru ta' dan il-ktieb, ikkonfrontat mill-paganeżmu u l-idolatrija, jinsisti fuq il-monotejiżmu tal-Lhud, il-fidi f'Alla wieħed li għaliha wieħed huwa anke lest biex jagħti ħajtu għaliha. Għall-awtur, il-ħlejjaq jridu jagħrfu u jqimu lill-Ħallieq tagħhom; is-setgħat politiċi jridu jagħrfu s-sovranita' ta' Alla, li minnu tiġi kull tip ta' setgħa. Alla huwa meqjus bħala Dak li jmexxi l-istorja, l-uniku Sid tal-bnedmin.

F'dan il-ktieb l-awtur sagru għalhekk jeżalta l-funzjoni tal-Liġi u dak kollu li l-Lhud igħixu fil-kult u fil-ħajja biex jagħtu qima lil Alla u jibqgħu fidili lejn il-Patt. Forsi hu proprju għalhekk li f'dan il-ktieb insibu wkoll diversi talbiet karatteristiċi tal-Ġudajiżmu ta' żmien l-awtur.

Għall-awtur sagru Alla huwa dak li jmexxi l-istorja skond il-ħsieb u l-pjan salvifiku tiegħu. Minkejja l-Imperi l-Kbar li dejjem ħaduha kontra l-poplu ta' Alla, l-istorja hija mixja lejn il-ġudizzju aħħari u definittiv ta' Alla. Dan ifakkar lill-poplu biex, minkejja kull diffikultà u persekuzzjoni, għandu jibqa' fidil u magħqud ma' Alla, ir-rebbieħ aħħari fuq l-istorja tal-bnedmin.

Dan il-ġudizzju ta' Alla għandu jkun it-tama tal-poplu ta' Alla fil-preżent. Tama li tixpruna għal fedeltà dejjem aktar ħierġa mill-qalb, minkejja kull diffikultà u persekuzzjoni.

Imma din hija wkoll tama li tmur 'il hinn mill-mewt stess: "F'dak iż-żmien

**Għar-riflessjoni:**
Danjel 2, 19-45
Danjel 11, 40-45
Danjel 12, 1-3
Danjel 13, 1-64

**Itlob b'dawn is-siltiet:**
Danjel 3, 24-45
Danjel 3, 51-90

iqum Mikiel, il-prinċep il-kbir, dak li qiegħed fuq il-poplu tiegħek. Imbagħad jiġi żmien ta' għawġ, li qatt ma jkun deher ieħor bħalu minn mindu ġens kien ġens sa dak iż-żmien. Imma jkun żmien li fih il-poplu tiegħek jinħeles, dawk kollha li jkunu nstabu miktuba fil-ktieb. U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab jistenbħu, min għal ħajja ta' dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija ta' dejjem. Il-bnedmin bil-għaqal ikollhom fuqhom dija bħal dik tas-sema, u dawk li jkunu wasslu lil ħafna fis-sewwa jkunu jiddu bħall-kwiekeb għal dejjem ta' dejjem" (12, 1-3).

U hekk għall-ewwel darba fl-Antik Testment għandna l-affermazzjoni tal-qawmien individwali minn bejn l-imwiet. Din kienet fidi li kellha tqanqal lill-Makkabin u ssostni l-fidi tal-martri Lhud (2 Makk 7, 9.11.14.23.29).

L-iżvilupp tar-rivelazzjoni wara Danjel tikkonferma din ir-rivelazzjoni ta' tama. F'din ir-rivelazzjoni jitħejja t-twemmin fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù minn bejn l-imwiet. U hu proprju hawnhekk li l-Ktieb ta' Danjel isir il-pont bejn it-teoloġija tal-profeti ta' l-Antik Testment u l-messaġġ tal-Ġdid Testment.

*Għal aktar tagħrif:* SCHEMBRI G., Kors Ġdid fuq il-Bibbja, Tagħrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Ed. Tau 2003, 117-124;
SPITERI D., Il-Ktieb ta' Danjel, Enċiklopedija Biblika, Media Centre 2003, 224-227.



Punti għad-diskussjoni:

1. Danjel: eżempju ta' kuraġġ u fedelta – Veru dan?
2. Kemm tidher il-fedeltà ta' Alla lejn il-poplu f'dan il-Ktieb?
3. Letteratura apokalittika: xi tfisser għalik?
4. X'inhu r-rwol ta' l-imperi l-kbar li jissemmew f'dan il-ktieb?

# Pellegrinaġġi 2008

KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA




"Nitilgħu lejn Ġerusalemm"

Hi x-xewqa ta' kull min iħobb l-Art tal-Bibbja, li fiha twieled u għex Ġesù. Il-Patrijiet Franġiskani joffrulek opportunità unika biex tara din l-Art Imqaddsa. Il-pellegrinaġġi li jorganizza l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joħduk tara mhux inqas minn 30 Santwarju.

*L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani*



## DATI GĦAS-SENA 2008

25 Mejju – 2 Ġunju
22 Ġunju – 30 Ġunju
13 Lulju – 21 Lulju
17 Awissu – 25 Awissu
31 Awissu – 8 Settembru
10 Settembru – 17 Settembru

KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA
8, Triq Sta. Lucija, VLT1188
T: (356) 21242254 F: (356) 21252031
E: comalt@ofm.org.mt W: www.ofm.org.mt




# Vokazzjonijiet Franġiskani

*"Ir-Regola u l-Ħajja tal-Patrijiet minuri hi li jħarsu l-Evanġelju Imqaddes"*

Għażiż żagħżugħ, jekk tixtieq aktar informazzjoni jew
tixtieq tara iktar mill-qrib kif u fejn ngħixu aħna l-Franġiskani,

ikkuntatja lil: P. Joseph Magro OFM
Patrijiet Franġiskani, Triq San Pawl, Rabat RBT 1245, MALTA Tel: 21 459 640

vok@ofm.org.mt
www.ofmvok.org

*ejjew u taraw!*